KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.11.2005
KUMM(2005) 579 finali

2005/0228 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta’ Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta’ l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta’ l-Avjazzjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST REGOLATORJU

Mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002[1] f'Settembru 2002, il-Komunità għandha kompetenza esklussiva fil-qasam tan-navigabbiltà u l-kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti, komponenti u tagħmir aeronawtiku. Dawn ta' l-aħħar, kif ukoll l-organizzazzjoni li jiddisinjawhom, jiffabbrikawhom u li jagħmlulhom manutenzjoni, iridu minn issa 'l quddiem jobdu regoli uniformi u obbligatorji mfassla mill-Kummissjoni[2].

Dan ir-Regolament iwaqqaf Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru (EASA) li tipprovdi lill-Kummissjoni bl-esperjenza teknika kollha li għandha bżonn din ta' l-aħħar u tgħinha, speċjalment fl-eżerċizzju tax-xogħlijiet leġiżlattivi u regolatorji tagħha. L-Aġenzija twettaq ukoll sistema ta' sorveljanza tas-suq, sabiex tikkontrolla l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, tevalwa l-effetti tagħha u tagħmel kull suġġeriment utili fis-suġġett. Iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità tal-prodotti u ta' l-organizzazzjonijiet mar-regoli komuni jingħataw kemm mill-*EASA*, kif ukoll mill-amministrazzjonijiet nazzjonali kompetenti: l-EASA tintervjeni għaċ-ċertifikazzjoni tat-tip ta' prodotti u għall-organizzazzjonijiet li jinstabu f'pajjiżi terzi; l-amministrazzjonijiet nazzjonali jagħtu ċ-ċertifikati individwali u l-approvazzjonijiet tal-parti l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet li huma fit-territorju tagħhom, fuq il-bażi ta' regoli komuni u taħt il-kontroll ta' l-Aġenzija.

Il-kompetenzi ta' l-Aġenzija huma definiti mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002. Sa mill-adozzjoni ta' dan it-test, kien miftiehem li l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tiegħu, jiġifieri, prinċipalment, il-garanzija ta' livell tajjeb ħafna u uniformi ta' sikurezza u t-twettiq ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta għall-operaturi ta' l-ajru, ma jistgħux jintlaħqu sakemm ma jitwessax l-ambitu ta' l-applikazzjoni tiegħu għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u għall-għoti ta' liċenzji ta' l-ekwipaġġi li jippilotaw. Il-leġiżlatur inkariga minn dakinhar espliċitament lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta f'dan is-sens, u biex terġa' tikkunsidra l-kwistjoni tar-regolamenti ta' l-inġenji ta' l-ajru tal-pajjiżi terzi[3].

## 2. SFIDI ATTWALI

Fil-fatt, l-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (*JAA*)[4] ilhom jelaboraw għal ħafna żmien regoli relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-inġenji ta' l-ajru li jagħmlu trasport ta' l-ajru kummerċjali[5] jew għal-liċenzji u t-taħriġ ta' l-ekwipaġġi[6], imma l-applikazzjoni ta' dawn ir-

1 Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar ir-regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivil u t-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru (ĠU L 240 tas-7.9.2002, p.1).

2 Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 (ĠU L 243 tas-27.9.2003, p. 6) u (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 (ĠU L 315 tat-28.11.2003, p.1), rispettivament relatati maċ-ċertifikazzjoni u l-manutenzjoni tal-prodotti, komponenti u tagħmir aeronawtiku.

3 L-Artikolu 7 u l-premessa 2 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

4 Il-*JAA* tgħaqqad 37 Stat Ewropew, li jelaboraw flimkien ir-regoli komuni f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza ta' l-ajru, il-*Joint Aviation Requirements* (*JAR*).

5 JAR-OPS 1 u 3.

6 JAR-FCL u JAR-STD.

regoli titħalla għall-valutazzjoni ta' l-Istati involuti u b'hekk ikunu mwettqa, meta jkun il-każ, b'modi differenti ħafna madwar il-Komunità. B'konsegwenza, il-livell ta' sikurezza m'huwiex uniformi. Barra minn hekk, il-persistenza tad-diverġenzi nazzjonali tfixkel ukoll il-tħaddim tajjeb tas-suq intern.

L-inklużjoni tar-regoli tal-JAR-OPS fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, permezz ta' l-emendi pendenti tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91[7], se tippreżenta progress ċert imma dan mhux se jġib livell ta' armonizzazzjoni suffiċjenti għar-raġuni li din tikkonċerna biss it-trasport kummerċjali bl-ajru. It-tipi l-oħra ta' inġenji ta' l-ajru, l-operazzjonijiet kummerċjali l-oħra jew l-operazzjonijiet mhux kummerċjali ma jkunux koperti minn dawn ir-regoli komuni, għax ma jibqgħux jikkonċernaw il-liċenzji ta' l-ekwipaġġi li jippilotaw u lanqas l-inġenji tal-pajjiżi terzi.

Is-sikurezza ta' l-apparat tal-pajjiżi terzi li joperaw fil-Komunità titlob għalhekk li tkun garantita b'mod aħjar. L-annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago jistabbilixxu standards minimi li magħhom l-inġenji ta' l-ajru, l-operaturi ta' l-ajru u l-ekwipaġġi jridu jkunu konformi biex ikunu jistgħu jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' l-ajru. Il-verifika tar-rispett ta' dawn l-obbligi taqa' l-ewwelnett taħt l-Istat ta' reġistrazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru, imma l-Istati kontraenti l-oħra għandhom il-possibbiltà li jispezzjonaw l-inġenji li jtiru fuq it-territorju tagħhom biex jikkontrollaw is-sikurezza tagħhom. Fil-Komunità, din il-possibbiltà hija mwettqa permezz tad-Direttiva msejjħa "*SAFA*"[8], li tirreferi għall-Annessi 1, 6 u 8 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Imma l-kontrolli li jsiru mill-Istati Membri f'dan il-qafas ikunu bbażati fuq dawn l-istandards minimi biss, li ma jkoprux l-aspetti kollha tas-sikurezza ta' l-ajru.

## 3. Opinjoni ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru u konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni ddeċidiet li twieġeb għat-talba tal-leġiżlatur u tipproponi li r-regoli komuni ta' sikurezza jinfirxu fuq l-operazzjonijiet ta' l-ajru, għal-liċenzji tal-bdoti u għall-inġenji ta' l-ajru tal-pajjiżi terzi.

Biex isir dan, il-Kummissjoni kellha d-dmir, skond it-termini ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, li tikseb minn qabel l-opinjoni ta' l-EASA. L-Aġenzija, min-naħa tagħha, f'konformità mar-regoli interni tagħha[9] u mal-prassi internazzjonali dwar is-suġġett, kellha tikkonsulta fil-fond mal-partijiet interessati kollha u tikkunsidra l-kummenti li setgħu saru qabel ma tkun tista' tagħti l-opinjoni tagħha. Għalhekk ippubblikat fis-sit tagħha fl-Internet[10], fis-27 ta' April 2004, dokument ta' konsultazzjoni dwar "l-applikabbiltà, il-prinċipji bażiċi u l-eżiġenzi essenzjali relatati mal-kompetenzi tal-bdoti, ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru u mar-regolamenti ta' l-inġenji ta' l-ajru tal-pajjiżi terzi użati minn operaturi mhux

---

[7] Regolament (KEE) Nru 3922/91 tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373 tal-31.12.1991, p. 4) u dokument COM(2004) 73 ta' l-10.2.2004.

[8] Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi li jużaw l-ajruporti Komunitarji (ĠU L 143 tat-30.4.2004, p. 76).

[9] Deċiżjoni MB/7/03 tas-27.6.2003 relatata mal-proċeduri segwiti mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' l-opinjonijiet, tas-speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' dokumenti ta' orjentament, adottata f'konformità ma' l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

[10] www.easa.eu.int.

Komunitarji"[11]. Bejn it-30 ta' April u l-31 ta' Lulju 2004, dan id-dokument qajjem 1,695 kumment li saru minn 93 fosthom persuni, awtoritajiet nazzjonali, intrapriżi jew organizzazzjonijiet. Dawn il-kummenti kienu l-għan ta' risposta bil-miktub ta' l-Aġenzija u l-partijiet interessati setgħu jikkummentaw dwar din ir-risposta[12].

Fuq il-bażi tal-kummenti li nġabru matul dawn il-konsultazzjonijiet, l-Aġenzija żviluppat l-analiżi tagħha u għaddiet lill-Kummissjoni, fil-15 ta' Diċembru 2004, opinjoni li rrakkomandat estensjoni tar-regoli komuni għall-użu ta' l-inġenji ta' l-ajru, għall-kwalifikazzjoni tal-bdoti u għall-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi[13]. Din l-opinjoni, li jista' tkun ikkonsultata fuq is-sit ta' l-Internet ta' l-Aġenzija, "tirrifletti l-maġġoranza ta' l-opinjonijiet li ġew espressi waqt il-konsultazzjoni u tippreżenta kompromessi li huma kapaċi jiġbdu kunsens wiesa'".

## 4. STUDJU TA' L-IMPATT

Il-proposta regolatorja preżenti ġiet ippreċeduta minn studju ta' impatt li sar mis-servizzi tal-Kummissjoni. Żewġ għażliet ġew eżaminati b'mod iktar partikolari:

– dik, mixtieqa mill-leġiżlatur, ta' estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, u b'hekk il-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru;

– dik ta' traspożizzjoni għal-liġi Komunitarja, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91, tar-regoli definiti permezz tal-kooperazzjoni intergovernattiva li twaqqfet fi ħdan il-*JAA*.

Minn dan l-istudju joħroġ ċar il-vantaġġ għas-sikurezza ta' l-ajru, u t-titjib tal-tħaddim tas-suq intern, ta' soluzzjoni Komunitarja għal kollox: għalhekk l-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 inżammet.

## 5. PROPOSTA REGOLATORJA

### 5.1. Strument u metodu

Biex jinfirxu r-regoli komuni għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, għal-liċenzji tal-bdoti u għall-inġenji ta' l-ajru tal-pajjiżi terzi, l-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jimponi ruħu bħala strument leġiżlattiv l-iktar adattat minħabba li jinvolvi wkoll li jingħataw lill-EASA, imwaqqfa permezz ta' dan it-test, dmirijiet ġodda f'dan il-qasam, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-preparazzjoni ta' regolamenti u ta' ċertifikazzjoni.

Biex il-partijiet involuti jevitaw tfixkil u spejjeż inutili, ir-regoli komuni jkunu bbażati fuq dawk definiti mill-*JAA* s'issa, jiġifieri l-JAR-OPS, il-JAR-FCL u l-JAR-STD. Huma jsiru b'hekk obbligatorji u mwettqa b'mod uniformi fil-Komunità kollha. L-istess metodu ntgħażel, meta kien ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002, għar-regoli relatati man-navigabbiltà.

---

11 NPA Nru 2/2004.
12 L-inventarju tal-kummenti u l-lista ta' min kitibhom huma disponsibbli fuq is-sit Internet ta' l-EASA.
13 Opinjoni Nru 3/2004.

## 5.2. Kontenut:

### *5.2.1. Emendi mwettqa lill-opinjoni ta' l-Aġenzija*

1. Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-opinjoni mogħtija mill-*EASA*; madankollu għal ċerti punti, il-Kummissjoni xtaqet tinfired minnha biex issaħħaħ u żżomm iktar il-livell ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, dawn it-tibdiliet saru flimkien ma' l-Aġenzija:

– Prinċipalment, il-Kummissjoni b'hekk xtaqet li ssaħħaħ l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament biex tinkludi fih il-mezzi kollha li jintużaw, b'xi mod jew ieħor, fil-Komunità, fil-limiti permessi mill-Konvenzjoni ta' Chicago. L-impatt tal-paragrafi 1(b) u 1(c) ta' l-Artikolu 4 huwa għalhekk ikbar minn dak propost fl-opinjoni ta' l-EASA.

– Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ekwipaġġi tal-kabini, l-Aġenzija pproponiet li jiġu sottomessi għal rekwiżiti komuni ta' sikurezza iżda, meta kkunsidraw l-opinjoni espressa minn ħafna matul il-konsultazzjoni, mhux għal proċess ta' ċertifikazzjoni. Minkejja dan, l-*EASA* ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' qbil fis-sitwazzjoni ta' dawn il-membri ta' l-istaff li jibqgħu fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri l-uniċi, minn dawk kollha mogħtija d-dmir ta' sikurezza jew sigurtà, li m'humiex iċċertifikati, filwaqt li għandhom rwol essenzjali biex jiggarantixxu s-sikurezza tal-passiġġieri, kif wera t-tmiem feliċi ta' l-inċident li seħħ f'Toronto fit-2 ta' Awissu 2005. Deher lill-Kummissjoni li l-persistenza ta' din is-sitwazzjoni tmur kontra l-għanijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002. Il-Kummissjoni tipproponi b'hekk, biex titkompla l-emenda pendenti tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91, li l-istaff tal-kabini jkollhom ċertifikat [Artikolu 6b(4)] li juri l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti essenzjali speċifiċi żviluppati fl-Anness IV l-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

– Deher lill-Kummissjoni li l-għoti tar-regoli komuni għall-inġenji ultra-ħfief ma kienx daqshekk meħtieġ b'mod sistematiku, għaliex l-effiċjenza ta' wħud minn dawn l-inġenji llum laħqet dik ta' ajruplani ħfief. Il-Kummissjoni b'hekk tixtieq li jsiru xogħlijiet mill-aktar fis possibbli biex jistudjaw jekk, u kemm, ċerti inġenji għandhomx jiġu sottomessi għal regoli komuni (Premessa 4).

### *5.2.2. Estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament*

2. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru, il-liċenzji tal-bdoti u l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi, l-għażliet ta' l-*EASA* nżammu u l-linji prinċipali tal-proposta regolatorja jistgħu jkomplu bil-mod li ġej:

– Operazzjonijiet ta' l-ajru:

Biex titjieb is-sikurezza taċ-ċittadini, speċjalment fl-art, u biex il-moviment ħieles tas-servizzi jkun iffaċilitat fi ħdan is-suq intern, il-proposta tar-Regolament testendi r-regoli komuni għall-attivitajiet ta' l-ajru kollha [Artikolu 4(1b)] u l-obbligu taċ-ċertifikazzjoni lill-operaturi kummerċjali kollha [Artikolu 6b(2)]. Iċ-ċertifikati jkunu mogħtija mill-Istati Membri jew, jekk ikun il-każ, mill-*EASA* [Artikolu 15b(1)], li tkun tista' wkoll, kull darba li jkun hemm bżonn, timponi direttivi operattivi [Artikolu 15b(2)].

Għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali, ir-regoli jkunu adattati għall-komplessità ta' l-inġenji ta' l-ajru użati u mhux se jagħtu lok għaċ-ċertifikazzjoni, kif inhu diġà l-każ għall-parti l-kbira ta' l-Istati Membri. Meta dawn l-operazzjonijiet isiru b'inġenji ta' l-ajru kumplessi [Artikolu 3(j)], l-operaturi involuti għandhom jistabbilixxu dejjem li huma kapaċi jwieġbu għall-ġabra ta' rekwiżiti essenzjali relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru [Artikolu 6b(3) u Anness IV].

– Liċenzji tal-bdoti:

Il-proposta tar-Regolament timponi lill-maġġoranza tal-bdoti li joperaw fil-Komunità li jżommu liċenzja mogħtija fuq il-bażi ta' rekwiżiti komuni relatati ma' l-għarfien teoriku u prattiku tagħhom u dwar l-qagħda fiżika tagħhom [Artikolu 4(1a)]. L-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għall-bdoti, iċ-ċentri u l-istaff inkarigati miċ-ċertifikazzjoni ta' l-attitudni fiżika kif ukoll is-simulaturi ta' tajran għandhom, huma wkoll, ikunu ċċertifikati fuq il-bażi ta' regoli komuni [Artikolu 6a(1), (2), (3), (4) u (5)]. L-*EASA* tkun inkarigata li tissorvelja l-applikazzjoni tajba ta' dawn ta' l-aħħar mill-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' ċertifikazzjoni, u tkun tista' tiċċertifika hi stess l-organizzazzjonijiet u s-simulaturi ta' tajran fil-pajjiżi terzi [Artikolu 15a].

Madankollu mhux il-bdoti kollha se jkunu suġġetti għall-istess regoli li, f'ċerti każi, ma jkunux proporzjonati. B'hekk, filwaqt li t-trasport kummerċjali jkollu jobdi rekwiżiti massimi, is-setturi l-oħra ta' l-avjazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn regoli adattati għall-komplessità ta' l-inġenji u għal dik ta' l-ispazju ta' l-ajru fejn itiru. B'mod speċjali, l-avjazzjoni għar-rikreazzjoni trid titqis aktar milli hi llum: ir-regoli speċifiċi żviluppati mill-*JAA* (JAR-FCL PPL) huma, fil-fatt, spiss ikkunsidrati bħala eċċessivi. Il-proposta tar-Regolament twaqqaf b'hekk kategorija ġdida ta' liċenzji, il-"liċenzja ta' pilota privat għal għan rikreattiv", iktar adattata għas-sitwazzjoni ta' din il-kategorija ta' min juża l-ispazji ta' l-ajru. Din il-liċenzja tkun mogħtija minn organizzazzjonijiet ta' evalwazzjoni akkreditati mill-Aġenzija jew mill-amministrazzjoni nazzjonali kompetenti, skond l-għażla ta' min ikun qed jitlobha [Artikoli 6a(2) u 15a(1)(b)]. Il-federazzjonijiet sportivi, pereżempju, jista' jkollhom dan ir-rwol.

– Inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi.

Biex tipproteġi b'mod effikaċi s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej, kemm fl-art kif ukoll meta jivvjaġġaw fuq dawn l-inġenji, il-proposta ta' Regolament tissottometti għar-regoli komuni l-inġenji ta' l-ajru tal-pajjiżi terzi li jtiru fil-Komunità, fil-limiti permessi mill-Konvenzjoni ta' Chicago [Artikoli 5(1), 5(4)(j), 5(5)(d), 6a(1), 6b(1)]. Barra minn hekk, fil-każ ta' operaturi ta' pajjiżi terzi li jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fil-Komunità, ir-rispett tar-regoli komuni għandu jkun attestat mill-għoti ta' ċertifikat [Artikoli 6b(2) u (6) u 15b(1)].

*5.2.3. Emendi oħra li saru fir-Regolament*

3. Barra minn dan, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li daħal fis-seħħ f'Settembru 2002 u l-*EASA* li ilha taħdem mit-28 ta' Settembru tas-sena ta' wara, il-Kummissjoni jidrilha li jkun jaqbel li tapprofitta mill-esperjenza miksuba minn dakinhar biex ittejjeb it-test kull darba li jkun meħtieġ. Minbarra l-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni, uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha għandhom jinbidlu, fosthom:

– L-entitajiet kwalifikati li se jwettqu xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni f'isem l-Aġenzija, jew minn awtoritajiet aeronawtiċi nazzjonali meta jkunu xi xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni

attribwiti lil dawn ta' l-aħħar mill-Aġenzija, iridu jkunu akkreditati mill-Aġenzija li tiżgura b'dan il-mod il-kapaċità tagħhom li jwettqu x-xogħol imsemmi [Artikolu 9a].

– Il-ġestjoni ta' miżuri derogatorji għandu jkun issimplifikat: kemm jista' jkun, il-Kummissjoni m'għandhiex tasal biex titkellem dwar il-miżuri adottati mill-Istati Membri għajr jekk dawn il-miżuri ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament u mar-regoli ta' twettiq tiegħu [Artikolu 10].

– L-għamla tal-kunsill amministrattiv kellha tinbidel, speċjalment biex tiżdied it-trasparenza: osservaturi tal-partijiet interessati għandu jkollhom post fih. Minbarra dan, titjieb it-tmexxija ta' l-Aġenzija permezz tat-twaqqif ta' kunsill eżekuttiv li jadotta l-orjentamenti strateġiċi u jikkontrolla t-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-kunsill amministrattiv [Artikoli 25, 28a, 28b u 28c].

– Barra minn hekk, f'konformità ma' l-opinjoni ta' l-Aġenzija, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kontroll effikaċi ta' l-inġenji ta' l-ajru kollha użati fil-Komunità biex ikun garantit ir-rispett effettiv tar-regoli komuni ta' sikurezza kollha [Artikolu 7].

## 6. Tabella ta' korrispondenza bejn in-numerazzjoni l-ġdida u dik antika ta' l-Artikoli u indikazzjoni tal-emendi li saru fir-Regolament (KE) Nru 1592/2002:

| Numer-azzjoni ġdida | Numer-azzjoni antika | Tibdiliet li saru |
|---|---|---|
| 1 | 1 | Mingħajr tibdil |
| 2 | 2 | It-twettiq ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta tagħmel ukoll parti mill-għanijiet meħtieġa: żjieda tal-punt (2)(f) |
| 3 | 3 | Żjieda ta' definizzjonijiet ġodda (h) sa (n) u preċiżazzjoni tad-definizzjoni ta' l-entitajiet kwalifikati (f) |
| 4 | 4 | Biex tkun garantita s-sikurezza taċ-ċittadini, l-inġenji ta' l-ajru kollha li jintużaw fil-Komunità huma sottomessi għal regoli komuni:<br>- Tibdil tal-punti (1)(b) u (c)<br>- Żjieda tal-punt (1)(d)<br>- Żjieda tal-paragrafi (1a) u (1b)<br>- Kitba mill-ġdid tal-paragrafu (2) |
| 5 | 5 | Żjieda tad-dispożizzjonijiet relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti kkreati u ffabbrikati fil-Komunità. Prova tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' navigabbiltà għall-inġenji ta' l-ajru rreġistrati f'pajjiż terz: |

| | | |
|---|---|---|
| | | - Kitba mill-ġdid tal-paragrafu (2)<br><br>- Żjieda tal-paragrafu (2a)<br><br>- Tibdil tal-punti (4)(e) u (f)<br><br>- Żjieda tal-punti (4)(j) u (5)(d) |
| 6 | 6 | Mingħajr tibdil |
| 6a | Ġdid | Liċenzji tal-bdoti |
| 6b | Ġdid | Operazzjonijiet ta' l-ajru |
| 7 | 7 | Tibdil ta' l-Artikolu: twettiq ta' mekkaniżmu kollettiv ta' sorveljanza ta' l-inġenji ta' l-ajru |
| 8 | 8 | Preċiżazzjonijiet meħtieġa wara l-introduzzjoni ta' l-Artikoli ġodda 6a u 6b:<br><br>- Kitba mill-ġdid tal-paragrafu (2)<br><br>- Żjieda tal-paragrafu (3) |
| 9 | 9 | Ir-regoli relatati mar-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' pajjiżi terzi huma ppreċiżati: tibdil tal-paragrafu (1) |
| 9a | Ġdid | Entitajiet kwalifikati |
| 10 | 10 | L-Artikolu huwa modifikat biex ikun simplifikat it-twettiq ta' miżuri derogatorji |
| 11 | 11 | Tibdil tal-paragrafu (4), fid-dawl ta' l-Artikolu l-ġdid 7 |
| 11a | Ġdid | Introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni |
| 12 | 12 | Mingħajr tibdil |
| 13 | 13 | Kitba mill-ġdid tal-paragrafu (c) u żjieda tal-paragrafu (d) minħabba li l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ma jagħtux lok għal deċiżjonijiet imma għal rapporti biss |
| 14 | 14 | Kitba mill-ġdid tal-paragrafu (2)(a) |
| 15 | 15 | Ħruġ tal-permess ta' tajran mill-*EASA*, kwalifiki ta' l-istaff inkarigat mid-dħul mill-ġdid fis-servizz ta' prodotti wara tiswija u ċertifikazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni mill-*EASA* :<br><br>- Kitba mill-ġdid tal-punti (1)(e) u (i) |

| | | |
|---|---|---|
| | | - Żjieda tal-punti (1)(k) u (l)<br>- Emenda tal-punt (2)(b)(ii)<br>- Kitba mill-ġdid tal-punt (2)(c) |
| 15a | Ġdid | Ċertifikazzjoni ta' l-istaff |
| 15b | Ġdid | Ċertifikazzjoni ta' l-operaturi kummerċjali |
| 16 | 16 | Kitba mill-ġdid |
| 17 | 17 | Mingħajr tibdil |
| 18 | 18 | Ir-relazzjonijiet ta' l-*EASA* ma' l-amministrazzjonijiet u organizzazzjonijiet barranin iridu jkunu kompatibbli mal-politika barranija ġenerali tal-Komunità: emenda tal-paragrafu (2) |
| 19 | 19 | Mingħajr tibdil |
| 20 | 20 | Mingħajr tibdil |
| 21 | 21 | Mingħajr tibdil |
| 22 | 22 | Mingħajr tibdil |
| 23 | 23 | Mingħajr tibdil |
| 24 | 24 | Minħabba t-trasparenza, l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm tax-xogħol ta' l-*EASA* għandu jkun pubbliku [(2)(c)]. Kjarifika tal-paragrafu (2)(d): l-*EASA* tista' tattribwixxi dmirijiet ta' ċertifikazzjoni kemm lil amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll lil entitajiet kwalifikati, kif inhu ppreċiżat band'oħra fit-test. Il-kunsill ta' amministrazzjoni jinnomina l-membri tal-kunsill eżekuttiv (5) |
| 25 | 25 | Regoli ġodda relatati mal-kompożizzjoni tal-kunsill amministrattiv li jagħtu kas tad-dispożizzjonijiet importanti tal-proġett ta' ftehim interistituzzjonali dwar l-aġenziji regolatorji[14]: tibdil tal-paragrafu (1) u żjieda tal-paragrafu (3) |
| 26 | 26 | Tibdil tal-paragrafu (2) |
| 27 | 27 | Mingħajr tibdil |
| 28 | 28 | Regoli ġodda relatati mad-dritt ta' vot fi ħdan il-kunsill amministrattiv li jagħtu kas id-dispożizzjonijiet importanti tal-proġett ta' ftehim interistituzzjonali dwar l-aġenziji regolatorji: tibdil tal-paragrafu (2) |

[14] COM(2005) 59 tal-25.2.2005.

| | | |
|---|---|---|
| 28a | Ġdid | Twaqqif ta' kunsill eżekuttiv |
| 28b | Ġdid | Kompożizzjoni tal-kunsill eżekuttiv |
| 28c | Ġdid | Proċeduri tad-deċiżjoni tal-kunsill eżekuttiv |
| 29 | 29 | Preċiżazzjonijiet li saru fil-funzjonijiet tad-direttur eżekuttiv: kitba mill-ġdid ta' paragrafu (3) |
| 30 | 30 | Emenda tal-proċeduri ta' selezzjoni, u ta' tiġdid tal-kariga, tad-direttur eżekuttiv u tad-diretturi ta' l-EMingħajr ASA, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-proġett ta' ftehim interistituzzjonali dwar l-aġenziji regolatorji: tibdil tal-paragrafi (1) u (4) |
| 31 | 31 | Mingħajr tibdil |
| 32 | 32 | Mingħajr tibdil |
| 33 | 33 | Mingħajr tibdil |
| 34 | 34 | Mingħajr tibdil |
| 35 | 35 | Kitba mill-ġdid ta' paragrafu (1) |
| 36 | 36 | Mingħajr tibdil |
| 37 | 37 | Mingħajr tibdil |
| 38 | 38 | Mingħajr tibdil |
| 39 | 39 | Mingħajr tibdil |
| 40 | 40 | Mingħajr tibdil |
| 41 | 41 | Dispożizzjoni ġdida relatata mal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja: tibdil tal-paragrafi (1) u (2) |
| 42 | 42 | Mingħajr tibdil |
| 43 | 43 | Mingħajr tibdil |
| 44 | 44 | Mingħajr tibdil |
| 45 | 45 | Kitba mill-ġdid, iktar ċara, tal-paragrafu (1) |
| 46 | 46 | Inkjesti fl-entitajiet kwalifikati: kitba mill-ġdid tal-paragrafu (1) u żjieda tal-paragrafu (1a) |
| 46a | Ġdid | Preċiżazzjonijiet dwar il-kontenut u l-forma tal-programm ta' xogħol annwali |

| | | |
|---|---|---|
| 46b | Ġdid | Preċiżazzjonijiet dwar il-kontenut u l-forma tar-rapport ġenerali annwali |
| 47 | 47 | Referenza għar-Regolament (KE) Nru 45/200[15] u preċiżazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001: żjieda tal-paragrafi (5) u (6) |
| 48 | 48 | Allinjament dwar ir-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija: kitba mill-ġdid tal-paragrafu (1) |
| 49 | 49 | Mingħajr tibdil |
| 50 | 50 | Mingħajr tibdil |
| 51 | 51 | Mingħajr tibdil |
| 52 | 52 | Mingħajr tibdil |
| 53 | 53 | Fil-paragrafu (4), id-dispożizzjonijiet transitorji relatati mas-sussidju Komunitarju huma mħassra |
| 54 | 54 | Mingħajr tibdil |
| 55 | 55 | Mingħajr tibdil |
| 56 | 56 | Tħassir tal-paragrafu (3) li ma jgħoddx aktar |
| 57 | 57 | Mingħajr tibdil (l-Artikolu 2 ta' din il-proposta jġib miegħu dispożizzjonijiet ġodda dwar l-abrogazzjonijiet) |
| 58 | 58 | Mingħajr tibdil (l-Artikolu 3 ta' din il-proposta preżenti għandu dispożizzjonijiet ġodda dwar id-dħul fis-seħħ) |
| Anness I | Anness I | Mingħajr tibdil |
| Anness II | Anness II | Emendi |
| Ann. III | Ġdid | Rekwiżiti essenzjali relatati mal-liċenzji tal-bdoti |
| Ann. IV | Ġdid | Rekwiżiti essenzjali relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru |
| Ann. V | Ġdid | Kriterji għall-entitajiet kwalifikati |

[15] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dat (ĠU L 8 tat-12.1.2001, p. 1).

## 7. SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Fl-Ewropa, l-Istati ilhom żmien jikkooperaw fi ħdan il-*JAA* biex joħolqu regoli komuni ta' sikurezza ta' l-ajru li, fl-essenza tagħhom, ma jistgħux ikunu purament nazzjonali. Fl-istess ħin, billi l-applikazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar tħalliet f'idejn il-partijiet involuti, l-Istati Membri qablu malajr li livell ta' sikurezza uniformi u elevat ma setax jintlaħaq jekk mhux permezz ta' azzjoni Komunitarja.

B'hekk, ir-Regolamenti (KEE) Nru 3922/91 imbagħad (KE) Nru 1592/2002 ittrasferew progressivament lill-Komunità l-kompetenzi ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' navigabbiltà u kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti aeronawtiċi. Regoli komuni ġew imwaqqfa wkoll fil-qasam ta' liċenzji ta' l-istaff, bid-Direttiva 91/670/KEE, u ta' sikurezza tal-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi, bid-Direttiva 2004/36/KE.

Bl-adozzjoni tad-Direttiva 91/670/KEE, il-leġiżlatur inkariga diġà lill-Kummissjoni biex tippreżenta miżuri li jistabbilixxu r-rekwiżiti armonizzati f'dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzji u l-programm ta' taħriġ. Sena wara, ir-Regolament (KEE) Nru 2407/92[16] dwar il-liċenzji tat-trasportaturi ta' l-ajru nieda Regolament tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat tat-trasportatur ta' l-ajru. Bl-istess mod, bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, il-leġiżlatur għaraf li livell ottimali ta' sikurezza u uniformità ma jistax jintlaħaq ħlief jekk jitwessa' l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u għal-liċenzji tal-bdoti ta' l-ekwipaġġ, fl-istess ħin xtaq li dan it-test ikun immirat lejn l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi.

Imbagħad, il-ħtieġa ta' azzjoni Komunitarja biex jintlaħaq l-għan mixtieq, jiġifieri t-twaqqif u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli komuni dwar il-liċenzji tal-bdoti, l-operazzjonijiet ta' l-ajru u l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi, tidher biċ-ċar aċċettata. Il-proposta regolatorja ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan. Hija twieġeb il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti mill-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

## 8. EVALWAZZJONI

Il-miżuri li saru permezz tar-Regolament preżenti u tar-regoli dwar it-twettiq jkunu evalwati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

---

[16] Regolament (KEE) Nru 2407/92 tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' *air carriers* (ĠU L 240 ta' l-24.8.1992).

2005/0228 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[17],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[18],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni[19],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat[20],

Billi:

(1) Il-premessa (2) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru[21] tispeċifika, *inter alia*, li għandhom jiġu żviluppati rekwiżiti essenzjali xierqa biex ikopru l-operazzjonijiet ta' inġenji ta' l-ajru u l-liċenzjar ta' ekwipaġġ ta' l-ajru, u l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi. L-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament jitlob li l-Kummissjoni tissottometti proposti kemm jista' jkun malajr lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fir-rigward tal-prinċipji bażiċi, l-applikabbiltà u r-rekwiżiti essenzjali li jirrigwardaw l-istaff u l-organizzazzjonijiet involuti fit-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru.

(2) Il-Komunità għandha tistipula, f'konformità ma' l-istandards stabbiliti mill-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili, iffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"), rekwiżiti essenzjali applikabbli għal persuni u organizzazzjonijiet involuti fit-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru, kif ukoll għal persuni u

17 ĠU C , , p. .
18 ĠU C , , p. .
19 ĠU C , , p. .
20 ĠU C , , p. .
21 ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 1.

prodotti konnessi mat-taħriġ u l-eżami mediku tal-bdoti. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tiżviluppa r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa.

(3) Iċ-ċittadini Ewropej għandhom igawdu livell għoli u uniformi ta' protezzjoni f'kull ħin. Għalhekk, inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi li joperaw lejn, fi jew mit-territorju fejn japplika t-Trattat, għandhom ikunu suġġetti għal superviżjoni xierqa fil-livell Komunitarju fil-limiti stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Chicago.

(4) Ma jkunx xieraq li l-inġenji ta' l-ajru kollha jiġu suġġetti għal regoli komuni, b'mod partikolari inġenji ta' l-ajru li huma ta' għamla sempliċi jew joperaw prinċipalment fuq bażi lokali, u dawk li huma mibnija mid-dilettanti jew li huma partikularment rari jew li jeżisti biss numru żgħir minnhom; inġenji ta' l-ajru bħal dawn għandhom għalhekk jibqgħu taħt il-kontroll regolatorju ta' l-Istati Membri. Madankollu, għandhom jittieħdu miżuri proporzjonati biex jiżdied b'mod ġenerali l-livell ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni għar-rikreazzjoni.

(5) B'mod speċjali għandha tingħata konsiderazzjoni lil ajruplani u ħelikopters b'massa tat-tlugħ massima baxxa u li r-rendiment tagħhom qed jiżdied, jistgħu jiċċirkolaw madwar il-Komunità kollha u qed jiġu prodotti b'mod industrijali, u għalhekk jistgħu jkunu regolati aħjar fil-livell Komunitarju li jkun jista' jipprovdi l-livell uniformi ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali meħtieġ.

(6) L-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-azzjoni tal-Komunità għandu jiġi ddefinit b'mod ċar biex persuni, organizzazzjonijiet u prodotti suġġetti għal dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu jkunu jistgħu jiġu identifikati mingħajr ambigwità. Tali ambitu ta' applikazzjoni għandu jkun iddefinit b'mod ċar billi ssir referenza għal lista ta' inġenji ta' l-ajru li huma eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) Prodotti aeronawtiċi, parts u attrezzaturi, operaturi involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru, kif ukoll bdoti u persuni, prodotti u organizzazzjonijiet involuti fit-taħriġ u l-eżami mediku tagħhom, għandhom ikunu ċċertifikati u liċenzjati kemm-il darba jinsabu li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li jridu jiġu stipulati mill-Komunità skond l-istandards tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tiżviluppa r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa.

(8) Korpi ta' valutazzjoni approvati kif jixraq għandhom jiġu awtorizzati biex joħorġu l-liċenzji lil bdoti involuti f'operazzjonijiet għar-rikreazzjoni.

(9) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru ("l-Aġenzija") għandha tiġi awtorizzata biex toħroġ ċertifikati jew liċenzji lil persuni, organizzazzjonijiet u prodotti suġġetti għal dan ir-Regolament fejn azzjoni ċentralizzata tkun iktar effiċjenti minn ċertifikazzjoni f'livell ta' Stat Membru. L-Aġenzija għandha, għall-istess raġuni, titħalla tieħu l-miżuri meħtieġa relatati ma' l-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru, il-kwalifikazzjoni ta' ekwipaġġ jew is-sikurezza ta' inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi meta dan hu l-aħjar mezz li bih tiżgura l-uniformità u tiffaċilita t-tħaddim tas-suq intern.

(10) It-tħaddim effettiv ta' skema tal-Komunità tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni ċivili fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Aġenzija biex jiġu skoperti kundizzjonijiet perikolużi u jittieħdu miżuri ta' rimedju kif jixraq.

(11) Il-promozzjoni ta' kultura ta' sikurezza u tħaddim kif għandu jkun ta' sistema regolatorja fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament jirrikjedu li inċidenti u okkorrenzi jiġu rrappurtati spontanjament mix-xhieda. Tali rappurtar ikun iffaċilitat bit-twaqqif ta' ambjent mhux punittiv, u għandhom jittieħdu miżuri xierqa mill-Istati Membri biex jipprovdu għall-protezzjoni ta' tali informazzjoni u dawk li jirrappurtawha.

(12) Fl-interess tat-trasparenza, osservaturi ta' partijiet interessati għandhom ikunu rrappreżentati fil-Bord Maniġerjali ta' l-Aġenzija. Bl-iskop li tiġi żgurata tmexxija kif jixraq ta' l-Aġenzija, għandu jitwaqqaf ukoll Bord Eżekuttiv biex jadotta linji gwida strateġiċi u biex jimmonitorja t-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-Bord Maniġerjali.

(13) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u t-twettiq tar-rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili. L-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili[22] u d-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' liċenzji ta' l-istaff għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet fl-avjazzjoni ċivili[23], fl-intier tagħha, għandhom għalhekk eventwalment jiġu mħassra, mingħajr preġudizzju għaċ-ċertfikazzjoni jew liċenzjar ta' prodotti, persuni u organizzazzjonijiet diġà maħruġa skond dawk l-atti leġislattivi.

(14) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru[24] skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u l-Artikolu 14(1) tiegħu.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# IL-KAPITOLU I

# EMENDI GĦAR-REGOLAMENT BAŻIKU

*L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(2), il-punt li ġej huwa miżjud:

"(f) biex ikunu pprovduti l-istess kundizzjonijiet għal kull min hu involut fis-suq intern ta' l-avjazzjoni."

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

---

22 ĠU L373, tal-31.12.1991, p. 4.

23 ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 21.

24 Opinjoni ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru Nru 3/2004.

(a) il-punt (f) huwa mmodifikat kif ġej:

"(f) 'entità kwalifikata' tfisser korp akkreditat li jista' jagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' l-Aġenzija jew ta' awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni;"

(b) il-punti (h) sa (n) li ġejjin huma miżjuda:

"(h) 'operatur' tfisser kwalunkwe persuna legali jew naturali, li topera jew tipproponi li topera wieħed jew aktar inġenji ta' l-ajru;

(i) 'operazzjoni kummerċjali' tfisser attività aeronawtika bi ħlas koperta b' kuntratt bejn operatur u klijent, fejn il-klijent m'huwiex, direttament jew indirettament, sid ta' l-inġenji ta' l-ajru użati għall-iskop ta' dan il-kuntratt u l-operatur m'huwiex, direttament jew indirettament, impjegat tal-klijent;

(j) 'inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi' tfisser:

(i) ajruplan:

– b'massa tat-tlugħ massima ċċertifikata li tisboq 5,700kg jew;

– b'konfigurazzjoni massima approvata ta' passiġġieri bil-qiegħda ta' aktar minn 9 jew;

– iċċertifikat biex jopera b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas 2 bdoti jew;

– mgħammar b' magna jew magni turbojet engine; jew

(ii) ħelikopter:

– b'massa tat-tlugħ massima ċċertfikata li tisboq 3,175kg jew;

– b'konfigurazzjoni massima approvata ta' passiġġieri bil-qiegħda ta' aktar minn 5 jew;

– iċċertifikat biex jopera b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas 2 bdoti; jew

(iii) inġenji ta' l-ajru b'sistema *tilt rotor*;

(k) 'operazzjoni għar-rikreazzjoni' tfisser kwalunkwe operazzjoni mhux kummerċjali b'inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni mhux kumplessi;

(l) 'korp ta' valutazzjoni' tfisser korp approvat li jista' jivvaluta l-konformità ta' persuni legali jew naturali mar-regoli stabbiliti sabiex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati f'dan ir-Regolament u joħroġ iċ-ċertifikat relatat;

(m) ‘apparat sintetiku ta’ taħriġ fit-titjir’ tfisser kwalunkwe tip ta’ apparat li fih issir simulazzjoni fl-art tal-kundizzjonijiet tat-titjir; dawn jinkludu simulaturi tat-titjir, apparati ta’ taħriġ fit-titjir, trejners tan-navigazzjoni u proċeduri tat-titjir u apparati tat-taħriġ fl-istrumenti bażiċi;

(n) ‘klassifikazzjoni’ tfisser stqarrija mniżżla fuq il-liċenzja ta’ bdot, li tispeċifika l-kundizzjonijiet, il-privileġġi jew il-limitazzjonijiet speċjali li jappartjenu lil tali liċenzja.”

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit minn:

“(b) irreġistrati fi Stat membru, sakemm is-superviżjoni regolatorja tas-sikurezza tagħhom ma tkunx ġiet iddelegata lil pajjiż terz u m’humiex użati minn operatur tal-Komunità; jew”

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit minn:

“(c) irreġistrati f’pajjiż terz u użati minn operatur li s-superviżjoni ta’ l-operazzjonijiet tiegħu jiżguraha Stat Membru jew użati lejn, ġewwa jew barra mill-Komunità minn operatur stabbilit jew residenti fil-Komunità; jew”

(iii) il-punt (d) li ġej jiżdied:

“(d) irreġistrati f’pajjiż terz, jew irreġistrati fi Stat Membru li jkun iddelega s-superviżjoni regolatorja tas-sikurezza tagħhom lil pajjiż terz, u użati minn operatur minn pajjiż terz lejn, ġewwa jew barra mill-Komunità;”

(iv) fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1, il-kliem “sakemm is-superviżjoni regolatorja tas-sikurezza tagħhom ma ġietx iddelegata lil pajjiż terz u m’humiex użati minn operatur tal-Komunità” jitħassru.

(b) il-paragrafu 1a li ġej jiżdied:

“(1a) L-istaff involut fl-operazzjonijiet ta’ inġenji ta’ l-ajru msemmija fil-paragrafu 1(b) jew (c) għandu jikkonforma ma’ dan ir-Regolament.”

(c) il-paragrafu 1b li ġej jiżdied:

“(1b) Operazzjonijiet ta’ inġenji ta’ l-ajru msemmija fil-paragrafu 1 (b), (c) jew (d) għandhom jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.”

(d) il-paragrafu 2 huwa mmodifikat kif ġej:

“2. Il-paragrafi 1, 1a u 1b m’għandhomx japplikaw għall-inġenji ta’ l-ajru msemmija fl-Anness II.”

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-parti introduttorja, il-kliem "irreġistrati fi Stat Membru" jinbidlu bil-kliem "imsemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 4(1)";

(ii) fl-ewwel sentenza tal-punt (d), il-kliem "id-disinn, il-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti" huwa sostitwit bil-kliem "il-manutenzjoni ta' prodotti";

(iii) il-punt (dd) li ġej huwa mdaħħal:

"(dd) Organizzazzjonijiet responsabbli għad-disinn u l-manifattura ta' prodotti, parts u attrezzaturi għandhom juru l-kapaċità u l-mezzi tagħhom li jaqdu r-responsabbiltajiet marbuta mal-privileġġi tagħhom. Sakemm l-aċċettazzjoni ta' dawn il-kapaċitajiet u mezzi ma ssirx b'mod ieħor, dawn għandhom jiġu rikonoxxuti permezz tal-ħruġ ta' approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni. Il-privileġġi konċessi lill-organizzazzjoni approvata u l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni għandhom ikunu speċifikati fit-termini ta' l-approvazzjoni."

(b) il-paragrafu 2a li ġej jiżdied:

"2a. L-inġenji ta' l-ajru msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 4(1) u l-prodotti, parts u attrezzaturi mmuntati fuqhom għandhom jikkonformaw mal-punti (a) (b) u (dd) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu."

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) taħt il-punt (e) il-punti (iv), (v) u (vi) li ġejjin jiżdiedu:

"(iv) is-sillabu minimu għat-taħriġ ta' staff li jiċċertifika l-manutenzjoni dwar il-klassifikazzjoni tat-tip biex tkun żgurata l-konformità mal-paragrafu (2)(e);

(v) is-sillabu minimu għall-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdoti biex tkun żgurata l-konformità ma' l-Artikolu 6a;

(vi) il-lista ta' t-tagħmir *master* minimu kif xieraq u l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali ta' *airworthiness* għal kull tip ta' operazzjoni biex tkun żgurata l-konformità ma' l-Artikolu 6b."

(ii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, sospensjoni jew revoka ta' approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet meħtieġa skond il-punti (d), (dd) u (f) tal-paragrafu 2 u l-kundizzjonijiet li taħthom dawn l-approvazzjonijiet ma jkollhomx għalfejn jintalbu;"

(iii) il-punt (j) li ġej huwa miżjud:

"(j) kif l-inġenji ta' l-ajru msemmija fil-punti (c) u (d) ta' l-Artikolu 4(1) jridu juru l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali."

(d) fil-paragrafu 5, il-punt (d) li ġej jiżdied:

"(d) ma jimponux fuq l-inġenji ta' l-ajru msemmija fil-punti (c) u (d) ta' l-Artikolu 4(1) rekwiżiti li jkunu inkompatibbli ma' l-obbligi ICAO ta' l-Istati Membri."

(5) L-Artikoli 6a u 6b li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 6:

*"L-Artikolu 6a*

*Liċenzjar tal-Bdoti*

1. Bdoti involuti fit-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) u organizzazzjonijiet, apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir u persuni involuti fit-taħriġ, l-ittestjar, l-eżami u l-valutazzjoni medika ta' bdoti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness III.

2. Bdot jista' jopera inġenji ta' l-ajru fil-każ biss li huwa jew hija jkollu/jkollha liċenzja u ċertifikat mediku xierqa għall-operazzjoni li jiżvolġi/tiżvolġi.

Bdot għandha tinħariġlu liċenzja meta jintwera li huwa jew hija jkun/tkun konformi mar-regoli stabbiliti biex ikun żgurat li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali relatati ma' l-għarfien teoretiku, il-ħiliet prattiċi u l-profiċjenza fil-lingwa. Din il-liċenzja tista' tinħareġ minn korp ta' valutazzjoni meta l-privileġġi li tagħti jkunu limitati għal titjir għar-rikreazzjoni.

Bdot għandu jinħariġlu ċertifikat mediku meta jintwera li huwa jew hija jkun/tkun konformi mar-regoli stabbiliti biex ikun żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li jirregolaw l-istat mediku. Dan iċ-ċertifikat mediku għandu jinħareġ minn eżaminaturi aeromediċi jew ċentri aeromediċi; madankollu, fil-każ ta' bdoti involuti f'operazzjonijiet għar-rikreazzjoni, iċ-ċertifikat jista' jinħareġ minn tabib mhux speċjalizzat.

Il-privileġġi mogħtija lill-bdot u l-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-liċenzja u ċ-ċertifikat mediku għandhom ikunu speċifikati fihom.

Ir-rekwiżiti tat-tieni u t-tielet subparagrafu jistgħu jiġu sodisfatti bl-aċċettazzjoni ta' liċenzji u ċertifikati mediċi maħruġa minn jew f'isem pajjiż terz safejn għandhom x'jaqsmu bdoti involuti fl-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru msemmija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 4(1).

3. Il-kapaċità ta' korpi ta' valutazzjoni, organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-bdoti u organizzazzjonijiet responsabbli għall-valutazzjoni ta' l-istat mediku tal-bdoti li jaqdu r-responsabbiltajiet marbuta mal-privileġġi tagħhom fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzji u ċertifikati mediċi għandha tkun rikonoxxuta bil-ħruġ ta' approvazzjoni.

Approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet għandhom jinħarġu meta jintwera li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

Il-privileġġi mogħtija mill-approvazzjonijiet għandhom jitniżżlu fihom.

4. Apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir użat għat-taħriġ tal-bdoti għandu jkun suġġett għal ċertifikat. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ meta jintwera li l-apparat jikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

5. Persuna responsabbli għall-provvediment ta' taħriġ għall-bdoti, jew għall-valutazzjoni tal-kompetenza jew ta' l-istat mediku tagħhom għandu jkollha ċertifikat xieraq.

Dak iċ-ċertifikat għandu jinħareġ meta jintwera li l-applikant jikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

Il-privileġġi mogħtija fiċ-ċertifikat għandhom ikunu speċifikati fih.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għat-twettiq ta' dan l-Artikolu. B'hekk, hija għandha tispeċifika b'mod partikolari:

(a) il-klassifikazzjonijiet differenti ta' liċenzji tal-bdoti u ċ-ċertifikati mediċi adegwati għat-tipi differenti ta' attivitajiet li jkunu jiżvolġu;

(b) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' liċenzji, klassifikazzjoni għal-liċenzji, ċertifikati mediċi, approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet, korpi tal-valutazzjoni u ċertifikati tal-istaff;

(c) il-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk li jkollhom liċenzji, klassifikazzjoni tal-liċenzji, ċertifikati mediċi, approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet u ċertifikati ta' l-istaff.

7. Hi u tistabbilixxi r-regoli tat-twettiq msemmija fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni trid tagħti attenzjoni speċifika biex dawn jirriflettu l-aqwa u l-aktar prassi moderni fil-qasam tat-taħriġ ta' bdoti u li jippermettu li jkun hemm reazzjoni immedjata biex jiġu stabbiliti l-kawżi ta' aċċidenti u inċidenti serji.

*L-Artikolu 6b*

*Operazzjonijiet ta' l-ajru*

1. It-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1) (b) (c) u (d) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV.

2. Operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali għandhom juru l-kapaċità u l-mezzi tagħhom li jattwaw ir-responsabbiltajiet marbuta mal-privileġġi tagħhom.

Dawn il-kapaċitajiet u l-mezzi għandhom jiġu rikonoxxuti bil-ħruġ ta' ċertifikat.

Il-privileġġi mogħtija lill-operatur u l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-operazzjonijiet għandhom ikunu speċifikati fiċ-ċertifikat.

Ir-rekwiżit ta' dan il-paragrafu jista' jiġi sodisfatt bl-aċċettazzjoni ta' ċertifikati maħruġa minn jew f'isem pajjiż terz safejn għandhom x'jaqsmu l-operaturi involuti fl-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(d).

3. Operaturi li jiżvolġu operazzjoni mhux kummerċjali ta' inġenji ta' l-ajru kumplessi mħaddma bil-magni għandhom jiddikjaraw il-kapaċità u l-mezzi tagħhom li jattwaw ir-responsabbiltajiet marbuta ma' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru.

4. Ekwipaġġ tal-kabina involut fit-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness IV. Huma għandu jkollhom attestazzjoni u ċertifikat mediku xierqa għall-operazzjoni li jiżvolġu.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għat-twettiq ta' dan l-Artikolu. Meta tagħmel dan, hija għandha tispeċifika b'mod partikolari:

(a) il-kundizzjonijiet għat-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness IV;

(b) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikat ta' operatur imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) il-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk li għandhom iċ-ċertifikati;

(d) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għas-sorveljanza u l-ispezzjoni ta' l-operaturi msemmija fil-paragrafu 3.

(e) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' l-attestazzjoni ta' l-ekwipaġġ tal-kabina msemmija fil-paragrafu 4.

(f) Il-kundizzjonijiet li taħthom operazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti, limitati jew suġġetti għal certi kundizzjonijiet fl-interess tas-sikurezza skond l-Artikolu 15b(2).

6. Ir-regoli tat-twettiq imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jirriflettu l-aqwa u l-aktar prassi moderni fil-qasam ta' l-operazzjoniijiet ta' l-ajru.

Ir-regoli tat-twettiq għandhom jikkunsidraw ukoll l-esperjenza dinjija fis-servizz ta' l-inġenji ta' l-ajru, u l-progress xjentifiku u teknoloġiku.

Huma għandhom jipprovdu għal reazzjoni immedjata biex jiġu stabbiliti l-kawżi ta' aċċidenti u inċidenti serji.

Huma m'għandhomx jimponu fuq l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1) (c) u (d) rekwiżiti li jkunu inkompatibbli ma' l-obbligi ICAO ta' l-Istati Membri."

(6) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 7*

*Superviżjoni kollettiva*

1. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw permezz tal-ġbir, inklużi *ramp inspections*, u qsim ta' informazzjoni biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu jiġu fil-fatt imwettqa.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3), ir-regoli tat-twettiq tal-paragrafu 1, u tispeċifika b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet għall-ġbir, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni;

(b) il-kundizzjonijiet biex isiru *ramp inspections*, inklużi dawk sistematiċi;

(c) il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' inġenji ta' l-ajru li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu."

(7) L-Artikolu 8 huwa modifikat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit minn dan li ġej:

"2. Sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikoli 5(5) u 6a(6), u bla preġudizzju għall-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament, ċertifikati li ma jistgħux jinħarġu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jistgħu jinħarġu fuq il-bażi tar-Regolamenti nazzjonali applikabbli."

(b) il-paragrafu 3 li ġej jiżdied:

"3. Sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6b(5), ċertifikati li ma jistgħux jinħarġu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jistgħu jinħarġu fuq il-bażi tar-regolamenti nazzjonali applikabbli jew, meta japplika, fuq il-bażi tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KEE) Nru 3922/1991."

(8) L-Artikolu 9 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

“1. B’deroga mid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u r-regoli adottati għat-twettiq tiegħu, l-Aġenzija, fl-oqsma tal-kompetenza tagħha, għandha toħroġ ċertifikati fuq il-bażi ta’ ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta’ pajjiż terz, kif provdut fil-ftehimiet ta’ rikonoxximent bejn il-Komunità u dak il-pajjiż terz.”

(9) L-Artikolu 9a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 9:

*“L-Artikolu 9a*

*Entitajiet kwalifikati*

1. Entitajiet kwalifikati li jagħmlu xogħol ta’ ċertifikazzjoni speċifiku skond il-proċeduri ta’ ċertifikazzjoni applikabbli f’isem l-Aġenzija, jew f’isem l-Istati Membri meta dawk ta’ l-aħħar jagħmlu xogħol ta’ ċertifikazzjoni fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, għandhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Anness V u għandhom juru li għandhom l-organizzazzjoni u l-għarfien espert neċessarju. Dawn il-kapaċitajiet u mezzi għandhom ikunu rikonoxxuti permezz tal-ħruġ ta’ akkreditazzjoni mill-Aġenzija.

2. Fir-rigward ta’ entitajiet kwalifikati, l-Aġenzija għandha:

(a) tagħmel hi stess jew permezz ta’ awtoritajiet nazzjonali ta’ l-avjazzjoni, spezzjonijiet u verifiki ta’ l-entitajiet li hi takkredita;

(b) toħroġ u ġġedded l-akkreditazzjonijiet;

(c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka l-akkreditazzjoni ta’ l-entità relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet mill-Aġenzija ma jkunux għadhom jiġu sodisfatti, jew jekk l-entità kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew mir-regoli tat-twettiq tiegħu.”

(10) L-Artikolu 10 hu sostitwit minn dan li ġej:

*“L-Artikolu 10*

*Dispożizzjonijiet dwar flessibilità*

1. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u regoli adottati għat-twettiq tiegħu ma jżommux Stat Membru milli jirreaġixxi immedjatament għal problema ta’ sikurezza imprevista li tinvolvi prodott, persuna jew organizzazzjoni suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda u r-raġunijiet għalihom.

2. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), l-Aġenzija tista' tiddetermina fi żmien xahar minn meta tiġi nnotifikata skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jekk il-problema ta' sikurezza tistax tiġi indirizzata fil-qafas ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx qajmet oġġezzjonijiet matul l-istess perjodu. L-Aġenzija għandha mbagħad tieħu d-deċiżjoni xierqa, u tgħaddi kopja lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra.

Jekk, mill-banda l-oħra, l-Aġenzija tiddetermina li l-problema ta' sikurezza tkun riżultat ta' nuqqas fi, jew livell inadegwat ta' sikurezza li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu, hi għandha allura tiżviluppa u toħroġ opinjoni dwar jekk il-miżuri għandhomx jiġu rrevokati jew imħollija. Bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' din l-opinjoni. Jekk il-miżuri jkunu se jitkomplew, huma għandhom jitwettqu mill-Istati Membri kollha u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għalihom.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti sostantivi stipulati f'dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu fil-każ ta' ċirkustanzi operazzjonali urġenti mhux previsti jew ħtiġijiet operazzjonali ta' tul ta' żmien limitat, sakemm il-livell ta' sikurezza ma jkunx b'hekk affettwat ħażin. L-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nnotifikati bi kwalunkwe eżenzjonijiet bħal dawn hekk kif dawn isiru ripetittivi jew fejn jingħataw għal perjodi ta' aktar minn xahrejn.

4. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), l-Aġenzija għandha fi żmien xahar minn mindu tiġi nnotifikata skond il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tiddetermina jekk l-eżenzjonijiet jikkonformawx ma' l-għanijiet ġenerali tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe regola oħra tal-liġi Komunitarja. L-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni.

Fuq il-bażi ta' din l-opinjoni u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(4), il- Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni dwar ir-revoka ta' dawn l-eżenzjonijiet.

5. Fejn livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tar-regoli tat-twettiq ta' dan ir-Regolament jista' jinkiseb b'mezzi oħra, Stat Membru jista', mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità, jagħti approvazzjoni ta' deroga minn dawk ir-regoli tat-twettiq.

F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Aġenzija u l-Kummissjoni li bi ħsiebu jagħti tali approvazzjoni u għandu jagħti r-raġunijiet li juru l-bżonn ta' deroga mir-regola kkonċernata, kif ukoll il-kundizzjonijiet stipulati biex jiżguraw li jinkiseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti.

6. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), fi żmien xahrejn minn mindu tiġi nnotifikata skond il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar jekk l-approvazzjoni proposta tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-paragrafu.

Fi żmien xahar minn meta tirċievi l-opinjoni ta' l-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), sabiex tiddeċiedi

jekk l-approvazzjoni proposta tistax tingħata jew għandhiex tiġi rrifjutata. Jekk l-approvazzjoni tkun tista' tingħata, il-Kummissjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha, li jkunu huma wkoll intitolati li japplikaw dik il-miżura. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għall-miżura kkonċernata."

(11) Fl-Artikolu 11, is-sentenza li ġejja hija miżjuda mal-paragrafu 4:

"Mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 7(2), dan l-eżami mill-ġdid tas-sikurezza għandu jinkludi analiżi ta' l-informazzjoni kollha li tkun waslet skond l-Artikolu 7. Din l-analiżi għandha tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem u għandha tindika jekk hemmx riskju ta' sikurezza miżjud għall-passiġġieri ta' l-ajru. F'din l-analiżi, is-sorsi ta' l-informazzjoni għandhom jinżammu mistura."

(12) L-Artikolu 11a li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 11:

*"L-Artikolu 11a*

*Protezzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni*

1. Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tkun ingħatat minn persuna naturali fuq bażi volontarja, ir-rapporti m'għandhomx jiżvelaw is-sors ta' tali informazzjoni.

2. Bla preġudizzju għar-regoli tal-liġi penali applikabbli, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jibdew proċeduri fir-rigward ta' ksur mhux premeditat jew aċċidentali tal-liġi li jkun ġie għall-attenzjoni tagħhom biss għaliex kien ġie rrappurtat skond dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu.

   Din ir-regola m'għandhiex tapplika f'każi ta' negliġenza serja.

3. F'konformità mal-proċeduri definiti fil-liġijiet u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegati li jipprovdu informazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu ma jkunux suġġetti għal xi preġudizzju mill-prinċipal tagħhom, ħlief f'każijiet ta' negliġenza serja.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali marbuta ma' l-aċċess għall-informazzjoni minn awtoritajiet ġudizzjarji."

(13) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(c) tiegħu d-deċiżjonijiet xierqa għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b u 46;"

(b) il-punt (d) li ġej huwa miżjud:

"(d) toħroġ ir-rapporti wara spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni magħmula skond l-Artikoli 16(1) u 45."

(14) Fil-punt (a) ta' l-Artikolu 14(2), il-kliem "inklużi kodiċi ta' *airworthiness*" huma mħassra.

(15) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:-

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fir-rigward ta' prodotti, parts u attrezzaturi msemmija fl-Artikolu 4(1) (a) u (b), l-Aġenzija għandha, fejn japplika u kif speċifikat fil-Konvenzjoni ta' Chicago jew l-Annessi tagħha, tiżvolġi f'isem l-Istati Membri l-funzjonijiet u x-xogħol ta' l-Istat tad-disinn, il-manifattura jew ir-reġistru fir-rigward ta' l-approvazzjoni ta' disinn."

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni nazzjonali jew entitajiet kwalifikati, investigazzjonijiet tekniċi assoċjati maċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti, parts u attrezzaturi;"

(iii) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) temenda, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha ċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu;"

(iv) il-punti (k) u (l) li ġejjin huma miżjuda:

"(k) għal kull inġenju ta' l-ajru bil-permess li jtir huwa meħtieġ għal titjira waħda waħidha, li jistabbilixxi l-limitazzjonijiet xierqa;

(l) toħroġ permessi ta' titjir lil inġenji ta' l-ajru meta tali permessi jkunu meħtieġa biex issir sensiela ta' titjiriet."

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (b), subpunt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) organizzazzjonijiet ta' produzzjoni u manutenzjoni li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew"

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) temenda, tissospendi u tirrevoka ċ-ċertifikat ta' l-organizzazzjoni relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jibqgħux jiġu sodisfatti, jew jekk l-organizzazzjoni kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu."

(16) L-Artikoli 15a u 15b li ġejjin huma mdaħħla wara l-Artikolu 15:

*"L-Artikolu 15a*

*Ċertifikazzjoni ta' Staff*

1. Fir-rigward ta' l-istaff u ta' l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6a(1), l-Aġenzija għandha:

(a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet u verifiki ta' l-organizzazzjonijiet u korpi ta' valutazzjoni li hi tiċċertifika;

(b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta':

(i) organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' staff u ċentri aeromediċi li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew

(ii) organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' staff u ċentri aeromediċi li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri; jew

(iii) korpi ta' valutazzjoni jekk jintalbu minn korpi bħal dawn;

(c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti ta' l-organizzazzjoni meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun inħareġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti, jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha iċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

2. Fir-rigward ta' apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir imsemmi fl-Artikolu 6a(1), l-Aġenzija għandha:

(a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet tekniċi ta' apparati li hija tkun iċċertifikat;

(b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta';

(i) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir użati minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ iċċertifikati mill-Aġenzija; jew

(ii) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew

(iii) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri;

(c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti, jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha ċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

*L-Artikolu 15b*

*Ċertifikazzjoni ta' l-Operaturi ta' l-Ajru*

1. Fir-rigward ta' l-operaturi li jiżvolġu operazzjonijiet kummerċjali, l-Aġenzija għandha:

(a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet u verifiki ta' l-operaturi li tiċċertifika;

(b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta':

(i) operaturi li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru ikkonċernat; jew

(ii) operaturi li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri, ħlief jekk Stat Membru jagħmel il-funzjonijiet u x-xogħol ta' l-Istat ta' l-operatur għal dawn l-operaturi;

(c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti ta' l-operatur meta l-kundizzjonijiet li fuqhom ikun inħareġ mill-Aġenzija ma jibqgħux jiġu sodisfatti, jew jekk l-organizzazzjoni kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

2. L-Aġenzija tista' tordna permezz ta' direttiva operazzjonali li operazzjoni għandha tkun ipprojbita, limitata jew suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess ta' operazzjonijiet sikuri.

3. Fir-rigward ta' limitazzjoni ta' ħin tat-titjir, l-Aġenzija għandha:

(a) toħroġ l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali u, kif jixraq, ir-regoli tat-twettiq relatati. B'mod partikulari fir-rigward ta' trasport kummerċjali bl-ajruplan, sakemm iseħħ l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq relatati msemmija fl-Artikolu 6b(5), l-Aġenzija għandha toħroġ l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli biex tiżgura l-konformità mas-Subparti Q ta' l-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/1991.

(b) tapprova skemi individwali ta' speċifikazzjoni ta' ħin tat-titjir meta tali skemi ma jkunux jistgħu jiġu approvati taħt speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni applikabbli."

(17) Fl-Artikolu 16, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha tagħmel spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fl-oqsma koperti mill-Artikolu 1(1), sabiex timmonitorja l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' dan ir-Regolament u tar-regoli tat-twettiq tiegħu, u għandha tirrapporta lill-Kummissjoni.

2. L-Aġenzija għandha tagħmel investigazzjonijiet tekniċi ta' intrapriżi sabiex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu wara li tikkunsidra l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2."

(18) Fl-Artikolu 18(2), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Arranġamenti ta' ħidma għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità u għandhom jikkunsidraw sew il-politika barranija tal-Komunità fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Huma għandhom ikunu rċevew l-approvazzjoni tal-Kummissjoni minn qabel."

(19) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (2) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jadotta r-rapport annwali ġenerali fuq l-attivitajiet ta' l-Aġenzija u jibagħtu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti ta' l-Awdituri u l-Istati Membri; u waqt li jaġixxi f'isem l-Aġenzija, għandu jibgħat kull sena lill-awtorità tal-baġit kull informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' valutazzjoni;"

(ii) il-frażi li ġejja hija miżjuda mal-punt (c):

"l-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tkun mehmuża mal-programm ta' xogħol ta' l-Aġenzija adottat;"

(iii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) tadotta linji ta' gwida għall-allokazzjoni ta' xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni u entitajiet kwalifikati bi ftehim mal-Kummissjoni;"

(b) il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar il-membri tal-Bord Eżekuttiv skond l-Artikolu 28b."

(20) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jaħtar rappreżentant minn kull Stat Membru kif ukoll sostitut sabiex jirrappreżenta lil-membru fl-assenza tiegħu/tagħha. Il-Kummissjoni għandha taħtar ukoll ir-rappreżentant tagħha u s-sostitut. Il-mandat għandu jkun ta' ħames snin. Dan il-mandat se jkun jista' jiġġedded darba."

(b) il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

"3. Fl-interess tat-trasparenza, erba' rappreżentanti tal-partijiet interessati għandhom ikunu fuq il-Bord Maniġerjali, bħala osservaturi. Huma għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost lista stabbilita mill-korp konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 24(4), u jirrappreżentaw, bl-aktar mod wiesa' possibbli, il-partijiet differenti rrappreżentati f'dan il-korp konsultattiv. Il-mandat tagħhom għandu jkun ta' tletin xahar, u tista' tiġi mġedda darba."

(21) Fl-Artikolu 26(2), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dawn il-mandati jistgħu jiġġeddu darba."

(22) L-Artikolu 28(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull membru maħtur mill-Kunsill għandu jkollu vot wieħed. Ir-rappreżentant mill-Kummissjoni għandu jkollu numru totali ta' voti ugwali għan-numru ta' membri maħtura mill-Kunsill. La r-rappreżentanti tal-partijiet interessati u lanqas id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija m'għandhom jivvutaw. Fl-assenza ta' membru, is-sostitut tiegħu jew tagħha għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu jew tagħha."

(23) L-Artikoli 28a u 28c li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 28:

*"L-Artikolu 28a*

*Setgħat tal-Bord Eżekuttiv*

1. L-Aġenzija għandu jkollha Bord Eżekuttiv.

2. Bla preġudizzju għas-setgħat tal-Bord Maniġerjali u għall-funzjonijiet u s-setgħat tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord Eżekuttiv għandu:

(a) jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

(b) jadotta linji ta' gwida strateġiċi dwar ix-xogħlijiet ta' l-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 12, u fuq l-organizzazzjoni u t-tħaddim tagħha ;

(c) jipprepara, u jimmonitorja t-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-Bord Maniġerjali;

(d) jimmonitorja t-twettiq tal-baġit adottat mill-Bord Maniġerjali.

*L-Artikolu 28b*

*Kompożizzjoni tal-Bord Eżekuttiv*

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn:

   (a) tliet membri ddeżinjati mill-Bord Maniġerjali, minn fost il-membri tiegħu maħtura mill-Kunsill;

   (b) tliet membri ddeżinjati mill-Kummissjoni;

   (c) żewġ osservaturi ddeżinjati minn fost, u minn, ir-rappreżentanti tal-partijiet interessati li jiffurmaw parti mill-Bord Maniġerjali.

2. Il-mandat tal-membri u osservaturi tal-Bord Eżekuttiv għandu jiskadi meta jispiċċa t-terminu rispettiv tagħhom fil-Bord Maniġerjali. Suġġett għal din id-dispożizzjoni, il-mandat tagħhom għandu jkun ta' tletin xahar, li tista' tiġi mġedda darba.

3. Il-Bord Eżekuttiv għandu jeleġġi *Chairperson* u Deputat *Chairperson* minn fost il-membri tiegħu. Id-Deputat *Chairperson* għandu jieħu post *ex-officio* iċ-*Chairperson* fil-każ li din il-persuna ma tkunx tista' taqdi d-dmirijiet tagħha. Il-mandat taċ-*Chairperson* u tad-Deputat *Chairperson* għandhom jiskadu meta t-terminu rispettiv tagħhom bħala membri fuq il-Bord Eżekuttiv jispiċċa.

*L-Artikolu 28c*

*Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv*

1. Il-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv għandhom jissejħu miċ-*Chairperson* tiegħu.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiltaqa' fuq is-sejħa taċ-*Chairperson* jew fuq it-talba ta' mill-anqas tliet membri tiegħu.

3. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess biex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

4. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu, suġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura, ikunu megħjuna minn konsulenti jew esperti.

5. Faċilitajiet għal-laqgħat u s-segretarjat tal-Bord Eżekuttiv għandhom ikunu pprovduti mill-Aġenzija.

6. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza.

7. Kull membru tal-Bord Eżekuttiv għandu jkollu vot wieħed. Ir-rappreżentanti tal-partijiet interessati, imsemmija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 28b(1), kif ukoll osservaturi, konsulenti jew esperti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, m'għandhomx jivvutaw.

8. Ir-regoli tal-proċedura għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti ta' votazzjoni aktar dettaljati, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għal membru biex jaġixxi f'isem membru ieħor kif ukoll kull ħtiġijiet ta' kworum, fejn hu xieraq."

(24) L-Artikolu 29(3) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) sabiex japprova l-miżuri ta' l-Aġenzija kif imfisser fl-Artikolu 13 fil-limiti speċifikati minn dan ir-Regolament, ir-regoli tat-twettiq tiegħu u kull liġi applikabbli;"

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) sabiex torganizza spezzjonijiet u investigazzjonijiet kif provdut fl-Artikoli 45 u 46;"

(c) il-punti (k) u (l) li ġejjin huma miżjuda:

"(k) sabiex tipprepara u twettaq il-programm annwali ta' xogħol;

(l) sabiex twieġeb għal talbiet għall-assistenza mill-Kummissjoni."

(25) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) Din is-sentenza li ġejja hija miżjuda mal-paragrafu 1:

"Qabel jiġi maħtur, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali jista' jintalab jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet mingħand il-membri tiegħu, jew tagħhom."

(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tad-Diretturi għandu jkun ta' ħames snin. Fuq proposta tal-Kummissjoni u wara evalwazzjoni, il-mandat tagħhom jista' jiġi mġedded darba, għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Fl-evalwazzjoni l-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari:

- ir-riżultati miksuba fl-ewwel mandat u l-mod kif dawn inkisbu;

- id-dmirijiet u l-ħtiġijiet ta' l-Aġenzija fis-snin li ġejjin."

(26) Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Jista' jsir appell kontra deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija li jkunu ttieħdu skond l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b, 46 jew 53."

(27) L-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Jistgħu jinġiebu azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-annullament ta' atti magħmula mill-Aġenzija li jorbtu legalment lil partijiet terzi, minħabba nuqqas ta' azzjoni u għal danni kkaġunati mill-Aġenzija matul l-attivitajiet tagħha."

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Azzjonijiet għall-annullament ta' deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija li jkunu ttieħdu skond l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b, 46 jew 53 jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biss wara li l-proċeduri kollha ta' appell ikunu ġew eżawriti."

(28) Fl-Artikolu 45, il-parti introduttorja tal-paragrafu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Bla preġudizzju għall-poteri ta' infurzar mogħtija mit-Trattat lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu, billi tagħmel spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif speċifikat fl-Artikolu 16(1). L-uffiċjali awtorizzati taħt dan ir-Regolament, f'koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, huma b'hekk mogħtija s-setgħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-Istat Membru ikkonċernat:"

(29) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 15, 15a u 15b, l-Aġenzija tista' tagħmel hija stess jew talloka lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, kull investigazzjoni neċessarja ta' intrapriżi kif speċifikat fl-Artikolu 16(2)."

(b) il-paragrafu 1a li ġej huwa mdaħħal:

"1a. Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9a, l-Aġenzija tista' tagħmel hija stess jew talloka lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni nazzjonali kull investigazzjoni neċessarja ta' entitajiet kwalifikati kif speċifikat fl-Artikolu 16(2)."

(30) L-Artikoli 46a u 46b li ġejjin huma mdaħħla wara l-Artikolu 46:

*"L-Artikolu 46a*

*Programm annwali ta' ħidma*

Il-programm annwali ta' ħidma għandu jikkonforma ma' l-għanijiet, il-mandati u x-xogħlijiet ta' l-Aġenzija, kif definit f'dan ir-Regolament.

Il-preżentazzjoni tal-programm annwali ta' xogħol għandu jkun ibbażat fuq il-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni bħala parti minn Maniġment Ibbażat fuq l-Attività.

*L-Artikolu 46b*

*Rapport ġenerali annwali*

Ir-rapport ġenerali annwali għandu jiddeskrivi l-mod li bih l-Aġenzija tkun wettqet il-programm annwali ta' xogħol tagħha.

Ir-rapport għandu jagħti deskrizzjoni qasira ta' l-attivitajiet li tkun għamlet l-Aġenzija u jevalwa r-riżultati fil-konfront ta' l-għanijiet u l-iskedi stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' l-attivitajiet li jkunu saru, u l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-Aġenzija."

(31) Fl-Artikolu 47, il-paragrafi 5 u 6 huma miżjuda:

"5. Deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jagħtu lok għas-sottomissjoni ta' ilment lill-Ombudsman jew jistgħu jkunu s-suġġett ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, taħt l-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat tal-KE rispettivament.

6. L-informazzjoni miġbura mill-Aġenzija skond dan ir-Regolament għandha tkun suġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali*."

-----------------------

*ĠU L 8, tat-12.1.2001, p.1."

(32) L-Artikolu 48(1) huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dħul finanzjarju ta' l-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:

(a) kontribuzzjoni mill-Komunità;

(b) kontribuzzjoni minn kull pajjiż terz Ewropew li miegħu il-Komunità kkonkludiet ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 55;

(c) il-drittijiet imħallsa mill-applikanti għal, u detenturi ta', ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija;

(d) ħlasijiet mitluba għall-pubblikazzjonijiet, taħriġ u kwalunkwe servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija.

L-Aġenzija tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni finanzjarji minn Stati Membri, pajjiżi terzi u entitajiet oħra."

(33) Fl-Artikolu 53(4), it-tieni subparagrafu huwa mħassar.

(34) L-Artikolu 56(3) huwa mħassar.

(35) L-Anness II huwa sostitwit mit-test imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(36) L-Annessi III, IV u V, kif jidhru fl-Anness għal dan ir-Regolament, huma miżjuda.

## IL-KAPITOLU II

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*L-Artikolu 2*

*Revoka*

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE hija revokata b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6a(6).

2. L-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 huwa mħassar b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6b(5).

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għal prodotti, parts u attrezzaturi, organizzazzjonijiet u persuni li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom saret, jew hija rikonoxxuta, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE u l-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91.

*L-Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## ANNESS

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

### "L-ANNESS II

Inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(2)

Inġenji ta' l-ajru li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 4(1), (1a) u (1b) huma inġenji ta' l-ajru li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji ta' dan l-Anness imniżżla hawn taħt:

(a) inġenji ta' l-ajru storiċi li jissodisfaw il-kriterji ta' hawn taħt:

(i) inġenji ta' l-ajru mhux kumplessi li:

- id-disinn inizjali tagħhom kien stabbilit qabel l-01.01.1955 u

- il-produzzjoni tagħhom twaqqfet qabel l-01.01.1975.

jew

(ii) inġenji ta' l-ajru li għandhom relevanza storika ċara, relatata ma':

- parteċipazzjoni f'avveniment storiku denju ta' nota; jew

- pass ewlieni fl-iżvilupp ta' l-avjazzjoni; jew

- rwol prinċipali fil-forzi armati ta' Stat Membru.

(b) inġenji ta' l-ajru speċifikament iddisinjati jew immodifikati għar-riċerka, u għal skopijiet sperimentali jew xjentifiċi, u x'aktarx prodotti f'numri limitati ħafna;

(c) inġenji ta' l-ajru li ta' l-inqas 51 % minnhom inbena minn dilettant, jew assoċjazzjoni ta' dilettanti mhux għal profitt, għall-iskopijiet tagħhom u mingħajr ebda għan kummerċjali;

(d) inġenji ta' l-ajru li kienu fis-servizz ta' forzi militari, ħlief jekk l-inġenji ta' l-ajru huma ta' tip li għalih l-Aġenzija tkun adottat standard ta' disinn;

(e) ajruplani, ħelikopters u paraxuts mekkanizzati li m'għandhomx aktar minn żewġ postijiet, u massa tal-tlugħ massima (MTOM), kif irrekordjata mill-Istati Membri, ta' mhux aktar minn:

(i) 300 kg għal ajruplan/ħelikopter ta' l-art, b'post wieħed; jew

(ii) 450 kg għal ajruplan/ħelikopter ta' l-art, b'żewġ postijiet; jew

(iii) 330 kg għal anfibju jew ajruplan li jżomm f'wiċċ l-ilma/ħelikopter b'post wieħed; jew

(iv) 495 kg għal anfibju jew ajruplan/ħelikopter li jżomm f'wiċċ l-ilma b'żewġ postijiet, sakemm, meta jopera kemm bħala ajruplan/ħelikopter li

jżomm f'wiċċ l-ilma u kemm bħala ajruplan/ħelikopter ta' l-art, jaqa' taħt iż-żewġ limiti ta' l-MTOM, kif jixraq ;

(v) 472.5 kg għal ajruplan ta' l-art, b'żewġ postijiet mgħammar b'sistema ta' paraxut ta' rkupru totali mmuntata fuq l-*airframe*;

(vi) 315 kg għal ajruplan ta' l-art, ta' post wieħed mgħammar b'sistema ta' paraxut ta' rkupru totali mmuntat fuq l-*airframe*;

u, għal ajruplani, li jkollhom veloċità *stall* jew veloċità minima f'titjir kostanti fil-konfigurazzjoni ta' l-inżul li ma teċċedix 35 knot veloċità fl-ajru kalibrata (CAS);

(f) ġiroplani b'post wieħed jew żewġ postijiet b'massa tat-tlugħ massima li ma teċċedix 560 kg;

(g) glajders b'massa vojta massima, ta' inqas minn 80kg meta jkunu ta' post wieħed jew 100kg meta ta' żewġ postijiet, inklużi dawk li huma mtajra bis-saqajn;

(h) repliki ta' inġenji ta' l-ajru li jissodisfaw il-kriterji ta' (a) jew (d) ta' hawn fuq, li d-disinn strutturali tagħhom huwa bħal dak ta' l-inġenji ta' l-ajru oriġinali;

(i) inġenji ta' l-ajru mtajra bla ekwipaġġ b'massa ta' operazzjoni ta' inqas minn 150 kg;

(j) kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ieħor li għandu massa vojta massima, fjuwil inkluż, ta' inqas minn 70 kg."

(2) L-Annessi III, IV u V li ġejjin huma miżjuda:

## "L-ANNESS III

Ir-rekwiżiti essenzjali tal-liċenzjar ta' bdoti msemmija fl-Artikolu 6a

1. Taħriġ

1.a. Ġenerali

1.a.1. Persuna li titħarreġ biex ittajjar inġenju ta' l-ajru trid tkun matura biżżejjed fl-edukazzjoni, fiżikament u mentalment biex tikseb, iżżomm u turi l-għarfien teoretiku u l-ħila prattika relevanti.

1.b. Għarfien Teoretiku

1.b.1. Bdot irid jikseb u jżomm livell xieraq ta' għarfien tal-funzjonijiet eżerċitati fuq l-inġenji ta' l-ajru u proporzjonat mar-riskji marbuta mat-tip ta' attività. Tali għarfien irid jinkludi minn mill-anqas dan li ġej:

(i) il-liġi ta' l-ajru;

(ii) għarfien ġenerali dwar l-inġenji ta' l-ajru;

(iii) materji tekniċi relatati mal-kategorija ta’ l-inġenji ta’ l-ajru;

(iv) esekuzzjoni u ppjanar tat-titjira;

(v) prestazzjoni umana u limitazzjonijiet;

(vi) meteoroloġija;

(vii) navigazzjoni;

(viii) proċeduri ta’ operazzjoni, inkluż l-immaniġġjar tar-riżorsi;

(ix) prinċipji tat-titjir; u

(x) komunikazzjonijiet.

1.c. Turija u żamma ta’ għarfien teoretiku

1.c.1. Il-ksib u ż-żamma ta’ għarfien teoretiku jrid jintwera permezz ta’ valutazzjoni kontinwa waqt it-taħriġ, u fejn hu xieraq, permezz ta’ eżamijiet.

1.c.2. Għandu jinżamm livell xieraq ta’ kompetenza fl-għarfien teoretiku. Il-konformità trid tintwera permezz ta’ valutazzjonijiet regolari, eżamijiet, testijiet jew kontrolli. Il-frekwenza ta’ l-eżamijiet, testijiet jew kontrolli trid tkun proporzjonata mal-livell ta’ riskju assoċjat ma’ l-attività.

1.d. Ħila prattika

1.d.1. Bdot irid jikseb u jżomm livell xieraq ta’ ħiliet prattiċi fil-funzjonijiet tiegħu/tagħha fuq l-inġenji ta’ l-ajru. Tali ħiliet iridu jkunu proporzjonati mar-riskji marbuta mat-tip ta’ attività u jridu jkopru, jekk jgħoddu għall-funzjonijiet eżerċitati fuq l-inġenji ta’ l-ajru, dan li ġej:

(i) attivitajiet ta’ qabel u waqt it-titjira, inkluża l-prestazzjoni ta’ l-inġenji ta’ l-ajru, determinazzjoni tal-massa u l-bilanċ, spezzjoni u manutenzjoni ta’ l-inġenji ta’ l-ajru, ippjanar ta’ fjuwil, għarfien dwar it-temp, ippjanar tar-rotta, restrizzjonijiet ta’ l-ispazju ta’ l-ajru u disponibbiltà ta’ *runway*;

(ii) l-operat ta’ ajrudrom u operazzjoni ta’ *patterns* tat-traffiku;

(iii) il-prekawzjonijiet u proċeduri biex jiġu evitati kolliżjonijiet;

(iv) kontroll ta’ l-inġenji ta’ l-ajru permezz ta’ referenza viżiva esterna.

(v) manuvri tat-titjir, inklużi dawk f’sitwazzjonijiet kritiċi, u l-manuvri “upset” assoċjati, kif teknikament possibbli;

(vi) tlugħ u nżul normali u f’riħ laterali;

(vii) titjir b’riferiment biss għal strumenti, skond kif japplika għat-tip ta’ attività;

(viii) proċeduri operazzjonali, inklużi ħiliet bħala parti minn tim u mmaniġġjar ta' riżorsi, kif applikabbli għat-tip ta' operazzjoni, kemm jekk b'ekwipaġġ ta' wieħed u kemm jekk ta' iktar;

(ix) navigazzjoni u twettiq ta' regoli ta' l-ajru u proċeduri relatati, bl-użu kif jixraq, ta' riferiment viżiv jew għajnuniet ta' navigazzjoni;

(x) operazzjonijiet anormali u ta' emerġenza, inklużi simulazzjonijiet ta' funzjonament ħażin ta' apparat ta' l-inġenji ta' l-ajru;

(xi) konformità ma' proċeduri tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru u komunikazzjoni;

(xii) aspetti speċifiċi ta' tipi jew klassi ta' inġenji ta' l-ajru; u

(xiii) taħriġ addizzjonali f'ħiliet prattiċi li jistgħu jkunu meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji marbuta ma' attivitajiet speċifiċi.

1.e. Turija u żamma ta' ħila prattika

1.e.1. Bdot irid juri l-kapaċità li jesegwixxi l-proċeduri u l-manuvri f'livell ta' kompetenza xieraq skond il-funzjonijiet eżerċitati fl-inġenji ta' l-ajru, billi:

(i) jopera l-inġenji ta' l-ajru fil-limiti tagħhom;

(ii) jesegwixxi l-manuvri kollha mingħajr intoppi u b'eżattezza;

(iii) jeżerċita ġudizzju tajjeb u ħila għall-ajru;

(iv) japplika għarfien aeronawtiku; u

(v) jżomm kontroll ta' l-inġenji ta' l-ajru f'kull ħin b'mod li l-eżitu b'suċċess ta' proċedura jew manuvra jkun żgurat.

1.e.2. Irid jinżamm livell xieraq ta' kompetenza f'ħiliet prattiċi. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjonijiet regolari, eżamijiet, testijiet jew kontrolli. Il-frekwenza ta' l-eżamijiet, testijiet jew kontrolli trid tkun proporzjonata mal-livell ta' riskju marbut ma' l-attività.

1.f. Profiċjenza fil-lingwa

Ħlief fejn ir-riskju tas-sikurezza relatat jista' jiġi mnaqqas b'mezzi oħra, bdot irid ikun wera profiċjenza fl-Ingliż, li trid tinkludi:

(i) l-abbiltà li jifhem id-dokumenti ta' informazzjoni dwar it-temp;

(ii) l-użu ta' mapep aeornawtiċi ta' waqt ir-rotta, tluq u avviċinament u dokumenti ta' informazzjoni aeronawtika marbuta magħhom; u

(iii) l-abbiltà li jikkomunika ma' l-ekwipaġġ l-ieħor tat-titjira u mas-servizzi ta' navigazzjoni fl-ajru bl-Ingliż matul il-fażijiet kollha tat-titjira, inkluża l-preparazzjoni għat-titjira.

1.g. Apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir

Meta apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir (FSTD) jintuża għat-taħriġ, jew biex jintwera li tkun inkisbet jew inżammet ħila prattika, dan l-FSTD irid ikun kwalifikat f'livell partikulari ta' prestazzjoni f'dawk l-oqsma, li huma relevanti għall-esekuzzjoni ta' l-azzjoni kkonċernata. B'mod partikulari, ir-replikazzjoni tal-konfigurazzjoni, kwalitajiet ta' maniġġjar, prestazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, u l-imġiba tas-sistemi jridu jirrappreżentaw b'mod adegwat l-inġenji ta' l-ajru.

1.h. Kors ta' taħriġ

1.h.1. It-taħriġ irid isir permezz ta' kors ta' taħriġ.

1.h.2. Kors ta' taħriġ irid jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) irid jiġi żviluppat sillabu għal kull tip ta' kors ; u

(ii) il-kors ta' taħriġ irid ikun imqassam bejn għarfien teoretiku u tagħlim prattiku fit-titjir (inkluż taħriġ sintetiku), jekk applikabbli.

1.i. *Instuctors*

1.i.1. Tagħlim teoretiku.

It-tagħlim teoretiku jrid jingħata minn għalliema kwalifikati kif jixraq. Huma jridu:

(i) ikollhom għarfien xieraq fil-qasam li fih ikun se jingħata t-tagħlim; u

(ii) ikunu kapaċi jużaw it-tekniki ta' tagħlim xierqa.

1.i.2. Tagħlim fit-titjir u titjir sintetiku.

Tagħlim fit-titjir u titjir sintetiku jrid jiġi mogħti minn għalliema kwalifikati kif jixraq, li jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(i) ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' għarfien teoretiku u esperjenza xierqa għat-tagħlim li jkun se jingħata;

(ii) ikunu kapaċi jużaw it-tekniki ta' tagħlim xierqa;

(iii) ikunu pprattikaw tekniki ta' tagħlim f'dawk il-manuvri u proċeduri tat-titjir li fihom hemm il-ħsieb li jipprovdi tagħlim fit-titjir;

(iv) ikunu wrew l-abbiltà li jgħallmu f'dawk l-oqsma li fihom ikun se jingħata t-tagħlim, inkluż it-tagħlim għal qabel it-titjira, wara titjira, u fuq l-art; u

(v) ikunu jirċievu taħriġ ta' aġġornament biex jiżguraw li l-istandard tal-kapaċità ta' għalliema jinżamm aġġornat.

Għalliema tat-titjir jridu wkoll ikunu awtorizzati li jagħmluha ta' kmandanti ta' l-inġenji ta' l-ajru li fuqhom ikun qed jingħata t-tagħlim, ħlief fil-każ ta' taħriġ fuq tipi ġodda ta' inġenji ta' l-ajru.

1.j. Eżaminaturi

1.j.1. Persuni responsabbli mill-valutazzjoni tal-kompetenza ta' bdoti jridu:

(i) jkunu jissodisfaw jew issodisfaw ir-rekwiżiti ta' għalliema tat-titjir;

(ii) ikunu kapaċi jivvalutaw prestazzjoni ta' bdot u jesegwixxu testijiet u kontrolli fuq titjira.

2. Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ

2.a. Rekwiżiti ta' Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ

2.a.1. Organizzazzjoni tat-taħriġ li tipprovdi taħriġ għall-bdoti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) ikollha l-mezzi kollha neċessarji għall-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet assoċjati ma' l-attività tagħha. Dawn il-mezzi jinkludu, imma mhux limitati għal, dawn li ġejjin : faċilitajiet, staff, tagħmir, għodda u materjal, dokumentazzjoni tax-xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-*data* relevanti u żamma ta' rekords;

(ii) twettaq u żżomm sistema ta' maniġment relatata mas-sikurezza u l-istandard ta' taħriġ, u timmira għal titjib kontinwu ta' din is-sistema; u

(iii) twaqqaf arranġamenti ma' organizzazzjonijiet relevanti oħra, skond il-ħtieġa, biex tiżgura konformità kontinwa mar-rekwiżiti t'hawn fuq.

3. Stat mediku tajjeb

3.a. Kriterji mediċi

3.a.1. Il-bdoti kollha jridu perjodikament juru stat mediku tajjeb biżżejjed biex jesegwixxu l-funzjonijiet tagħhom b'mod sodisfaċenti, f'konsiderazzjoni tat-tip ta' attività. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq l-aħjar prattika aeromedika, f'konsiderazzjoni tat-tip ta' attività u l-possibbiltà ta' degradazzjoni mentali u fiżika minħabba l-età.

Stat mediku tajjeb, li hu kompost minn stat fiżiku u mentali tajjeb, ifisser li ma jkunx hemm problemi ta' mard jew diżabbiltà, li jirrendu l-bdot inkapaċi:

(i) li jesegwixxi x-xogħol neċessarju biex jopera inġenji ta' l-ajru; jew

(ii) li jesegwixxi doveri assenjati f'kull ħin; jew

(iii) li jagħraf/tagħraf korrettament l-ambjent tiegħu/tagħha.

3.a.2. Fejn l-istat mediku tajjeb ma jkunx jista' jintwera b'mod sħiħ, jistgħu jitwettqu miżuri ta' mitigazzjoni li jipprovdu għal sikurezza ekwivalenti fit-titjir

3.b. Eżaminaturi Aeromediċi

3.b.1 Eżaminatur aeromediku jrid:

(i) ikun kwalifikat u liċenzjat fil-prattika tal-mediċina;

(ii) ikun irċieva taħriġ fil-mediċina ta' l-avjazzjoni u taħriġ ta' aġġornament regolari fil-mediċina ta' l-avjazzjoni biex jiżgura li l-istandards ta' dik il-valutazzjoni jinżammu;

(iii) ikun kiseb għarfien prattiku u esperjenza tal-kundizzjonijiet li fihom il-bdoti jaqdu dmirijiethom.

3.c Ċentri aeromediċi

3.c.1 Ċentri aeromediċi jridu jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikollhom il-mezzi kollha neċessarji għall-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet marbuta ma' l-attività tagħhom. Dawn il-mezzi jinkludu, imma mhux limitati għal, dawn li ġejjin : faċilitajiet, staff, tagħmir, għodda u materjal, dokumentazzjoni ta' xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-data relevanti u żamma ta' rekords.

(ii) jimplementaw u jżommu sistema ta' maniġment relatata mas-sikurezza u l-istandard ta' taħriġ, u jimmiraw għal titjib kontinwu ta' din is-sistema;

(iii) iwaqqfu arranġamenti ma' organizzazzjonijiet oħra relevanti, skond il-ħtieġa, biex jiżguraw konformità kontinwa ma' dawn ir-rekwiżiti.

# L-ANNESS IV

Rekwiżiti essenzjali għal operazzjonijiet ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 6b

1. Ġenerali

1.a. Titjira m'għandhiex issir jekk il-membri ta' l-ekwipaġġ u, kif ikun xieraq, l-istaff ta' l-operazzjonijiet l-ieħor kollu involut fil-preparazzjoni u l-esekuzzjoni tagħha ma jkunux familjari mal-liġijiet, Regolamenti u proċeduri applikabbli, relevanti għall-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, preskritti għaż-żoni li jridu jiġu ttraversati, l-ajruporti li ppjanaw li jużaw u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru relatati magħhom.

1.b. Titjira trid issir b'tali mod li jiġu segwiti l-proċeduri operazzjonali speċifikati fil-Manwal tat-Titjir jew, fejn meħtieġ il-Manwal ta' l-Operazzjonijiet, għall-preparazzjoni u l-esekuzzjoni tat-titjira. Biex dan ikun faċilitat, sistema ta' lista ta' kontroll trid tkun disponibbli għall-użu, kif jixraq, mill-membri ta' l-ekwipaġġ fil-fażijiet kollha ta' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru taħt kundizzjonijiet u sitwazzjonijiet normali, anormali u ta' emerġenza. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għal kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza raġonevolment prevedibbli.

1.c. Qabel kull titjira, ir-rwoli u d-dmirijiet ta' kull membru ta' l-ekwipaġġ għandhom jiġu ddefiniti. Il-bdot fil-kmand għandu jkun responsabbli għall-operazzjoni u s-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u għas-sikurezza tal-membri ta' l-ekwipaġġ, passiġġieri u merkanzija kollha abbord.

1.d. Oġġetti u sustanzi, li jistgħu jikkawżaw riskji sinifikanti għas-saħħa, sikurezza, proprjetà jew l-ambjent, bħalma huma oġġetti perikolużi, armi u munizzjon, m'għandhomx ikunu trasportati fuq l-ebda ajruplan, ħlief jekk proċeduri u istruzzjonijiet speċifiċi ta' sikurezza jkunu ġew applikati biex jitnaqqsu r-riskji relatati.

1.e. Kull data, dokumenti, rekords u informazzjoni neċessarja għall-irrekordjar tat-tħaris tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.c iridu jinżammu għal kull titjira u jibqgħu disponibbli għal perjodu minimu ta' żmien kompattibbli mat-tip ta' operazzjoni.

2. Preparazzjoni għat-titjira

2.a. Titjira m'għandhiex tibda jekk ma jiġix aċċertat b'kull mezz raġonevoli disponibbli li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

2.a.1. Faċilitajiet adegwati direttament meħtieġa għat-titjira u għall-operazzjoni sikura ta' l-inġenji ta' l-ajru, inklużi faċilitajiet ta' komunikazzjoni u għajnuniet tan-navigazzjoni, huma disponibbli għall-esekuzzjoni tat-titjira, f'konsiderazzjoni tad-dokumentazzjoni AIS disponibbli.

2.a.2. L-ekwipaġġ għandu jkun familjari ma', u l-passiġġieri jkunu infurmati dwar, fejn jinsab/u u kif jintuża it-tagħmir ta' emerġenza relevanti. Informazzjoni suffiċjenti li tirrigwarda proċeduri ta' emerġenza u l-użu tat-tagħmir tas-sikurezza tal-kabina jrid isir disponibbli għall-ekwipaġġ u l-passiġġieri permezz ta' informazzjoni speċifikata.

2.a.3. Il-bdot fil-kmand irid ikun sodisfatt li:

(i) l-inġenju ta' l-ajru hu tajjeb għat-titjir skond kif stipulat fil-punt 6;

(ii) jekk meħtieġ, l-inġenju ta' l-ajru jkun irreġistrat kif suppost u li ċ-ċertifikati xierqa kollha fir-rigward tiegħu huma abbord l-inġenju ta' l-ajru;

(iii) strumenti u tagħmir meħtieġa għall-esekuzzjoni ta' dik it-titjira huma installati fuq l-inġenju ta' l-ajru u huma operattivi kif stipulat fil-punt 5, jekk ma jkunx eżenti bis-saħħa ta' l-MEL jew dokument ekwivalenti applikabbli;

(iv) il-massa ta' l-inġenju ta' ajru u l-punt taċ-ċentru tal-gravità huma b'tali mod li t-titjira tista' tiġi eżegwita fil-limiti msemmija fid-dokumentazzjoni ta' l-*airworthiness*;

(v) il-bagalji kollha fil-kabina, il-bagalji kollha fl-istiva u l-merkanzija huma mgħobbija kif suppost u sikuri; u

(vi) l-limiti ta' l-operazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru kif stipulat fil-punt 4 ma jkunux maqbuża fl-ebda ħin matul it-titjira.

2.a.4. Informazzjoni li tirrigwarda l-kundizzjonijiet metereoloġiċi tat-tluq, destinazzjoni u, fejn applikabbli, ajruporti alternattivi, kif ukoll kundizzjonijiet għal waqt ir-rotta, għandhom ikunu disponibbli għall-ekwipaġġ tat-titjira. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil kundizzjonijiet atmosferiċi potenzjalment perikolużi.

2.a.5. Fil-każ ta' titjir f'kundizzjonijiet ta' silġ magħrufa jew mistennija, l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi ċċertifikat, mgħammar u/jew ittrattat biex jopera b'mod sikur f'kundizzjonijiet bħal dawn.

2.a.6. Għal titjira bbażata fuq regoli tat-titjir viżiv, il-kundizzjonijiet metereoloġiċi matul ir-rotta tat-titjira għandhom ikunu tali li jagħmlu l-konformità ma' dawn ir-regoli tat-titjir possibbli. Għal titjira bbażata fuq regoli tat-titjir bl-istrumenti, destinazzjoni u, fejn hu applikabbli, ajruport(i) alternattiv(i) fejn l-inġenju ta' l-ajru jista' jinżel, għandhom jintgħażlu f'konsiderazzjoni b'mod partikulari tal-kundizzjonijiet metereoloġiċi mbassra, id-disponibbiltà ta' tagħmir tan-navigazzjoni fl-ajru, id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' l-art u l-proċeduri tat-titjir bl-istrumenti approvati mill-Istat fejn jinsab l-ajruport tad-destinazzjoni u/jew l-ajruport alternattiv.

2.a.7 L-ammont ta' fjuwil u żejt abbord għandu jkun biżżejjed biex jiżgura li t-titjira ppjanata tista' tiġi kkompletata fis-sikurezza, f'konsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet metereoloġiċi, kwalunkwe element li jaffettwa l-prestazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru u xi dewmien mistenni fit-titjira. Barra dan, riżerva ta' fjuwil trid tinġarr biex tipprovdi għal kontinġenzi. Proċeduri għall-ġestjoni tal-fjuwil waqt it-titjira jridu jkunu stabbiliti meta meħtieġa.

3. Operazzjonijiet ta' titjir

3.a. Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' titjir, il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin iridu jkunu sodisfatti:

3.a.1. Fil-konsiderazzjoni tat-tip ta' inġenji ta' l-ajru, waqt it-tlugħ u l-inżul, u kull meta jkun meqjus neċessarju mill-bdot fil-kmand fl-interess tas-sikurezza, kull membru ta'

l-ekwipaġġ għandu jkun bilqiegħda fl-istazzjon ta' l-ekwipaġġ u jrid juża s-sistemi ta' rażan ipprovduti, skond it-tip ta' l-inġenju ta' l-ajru.

3.a.2. Il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġa li jkunu xogħol fuq il-*flight deck* iridu jkunu u għandhom jibqgħu fl-istazzjon tagħhom, biċ-ċinturin tas-sikurezza maqful ħlief għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u operazzjonali.

3.a.3. Fil-konsiderazzjoni tat-tip ta' ingenju ta' l-ajru, qabel it-tlugħ u l-inżul, waqt it-*taxiing* u kull x'ħin iħoss il-bżonn fl-interess tas-sikurezza, il-bdot fil-kmand irid jiżgura li kull passiġġier jokkupa sit jew post ieħor biċ-ċinturin tas-sikurezza maqful kif suppost.

3.a.4. Titjira għandha ssir b'tali mod li tinżamm separazzjoni xierqa minn inġenji ta' l-ajru oħra u li jkun żgurat l-ispazju ħieles minn ostakli adegwat, matul il-fażijiet kollha tat-titjira. Tali separazzjoni trid tkun minn ta' l-inqas dik stabbilità mir-regoli ta' l-ajru applikabbli.

3.a.5. Titjira m'għandhiex titkompla ħlief jekk il-kundizzjonijiet magħrufa jibqgħu jkunu minn ta' l-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-punt 2. Barra minn hekk, fil-każ ta' titjira bbażata fuq regoli tat-titjir bl-istrumenti, avviċinament lejn ajruport m'għandux jitkompla taħt ċertu għoli speċifikat jew lil hinn minn ċerta pożizzjoni, jekk il-kriterji ta' viżibbiltà preskritti ma jkunux sodisfatti.

3.a.6. F'emerġenza, il-bdot fil-kmand irid jiżgura li l-passiġġieri kollha jingħataw istruzzjonijiet xierqa dwar l-azzjoni ta' emerġenza meħtieġa fiċ-ċirkostanzi.

3.a.7. Il-bdot fil-kmand irid jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jimminimizza il-konsegwenzi fuq it-titjira ta' xi mġiba ta' passiġġieri li joħolqu l-inkwiet.

3.a.8. Inġenju ta' l-ajru m'għandux ikun *taxied* fuq l-erja tal-moviment ta' l-ajruport, jew ir-rotor tiegħu m'għandux ikun imħaddem, ħlief jekk il-persuna mal-kontrolli tkun kwalifikata kif jixraq.

3.a.9. Għandha tintuża l-proċedura applikabbli għall-ġestjoni tal-fjuwil waqt it-titjira, fejn ikun relevanti.

4. Limitazzjonijiet ta' prestazzjoni u operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru

4.a. Inġenju ta' l-ajru għandu jkun operat skond id-dokumentazzjoni ta' l-*airworthiness* tiegħu u l-proċeduri operazzjonali u l-limitazzjonijiet kollha relatati kif stipulati fil-manwal tat-titjir tiegħu jew dokumentazzjoni ekwivalenti, skond il-każ. Il-manwal tat-titjir jew dokumentazzjoni ekwivalenti għandha tkun disponibbli għall-ekwipaġġ u miżmuma aġġornata għal kull inġenju ta' l-ajru.

4.b. L-inġenju ta' l-ajru għandu jkun operat skond id-dokumentazzjoni ta' l-ambjent applikabbli.

4.c. Titjira m'għandhiex tinbeda jew titkompla ħlief jekk il-prestazzjoni skedata ta' l-inġenju ta' l-ajru, f'konsiderazzjoni tal-fatturi kollha li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-livell tal-prestazzjoni tiegħu, tippermetti li kull fażi tat-titjira tkunu esegwita fil-limiti tad-distanzi/erjas u l-ispazju ħieles minn ostakli applikabbli għall-massa

operattiva ppjanata. Il-fatturi ta' prestazzjoni li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-tlugħ, il-vjaġġ u l-avviċinament/inżul huma, partikularment:

(i) proċeduri ta' operazzjoni;

(ii) pressjoni ta' l-altitudni ta' l-ajruport;

(iii) temperatura ;

(iv) riħ;

(v) id-daqs, iż-żerżieq ta' l-art u l-kundizzjoni ta' l-erja tat-tlugħ/nżul, u

(vi) il-kundizzjoni ta' l-*airframe*, l-impjant ta' l-elettriċità jew is-sistemi, waqt li titqies il-possibbiltà ta' deterjorament.

4.c.1. Tali fatturi għandhom jiġu kkunsidrati direttament bħala parametri operazzjonali jew indirettament permezz ta' tolleranzi jew marġni, li jistgħu jiġu pprovduti fl-iskedar tad-*data* tal-prestazzjoni, kif applikabbli skond it-tip ta' operazzjoni.

5. Strumenti, *data* u tagħmir

5.a. Inġenju ta' l-ajru għandu jkun mgħammar b'kull tagħmir ta' navigazzjoni, komunikazzjoni u tagħmir ieħor neċessarju għat-titjira ppjanata, f'konsiderazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-ajru u r-regoli ta' l-ajru applikabbli waqt kull fażi tat-titjira.

5.b. Meta relevanti, inġenju ta' l-ajru għandu jkun mgħammar bit-tagħmir kollu ta' sikurezza, mediċina, evakwazzjoni u sopravivenza neċessarju, f'konsiderazzjoni tar-riskji marbuta ma' l-erjas ta' operazzjoni, ir-rotot tat-titjir, l-altitudni u t-tul tat-titjira.

5.c. Kull *data* meħtieġa mill-ekwipaġġ għall-esekuzzjoni tat-titjira għandha tkun aġġornata u disponibbli abbord l-inġenju ta' l-ajru f'konsiderazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-ajru, ir-regoli ta' l-ajru, l-altitudnijiet tat-titjir u l-erjas ta' operazzjoni applikabbli.

6. Kontinwità ta' l-*Airworthiness*

6.a. L-inġenju ta' l-ajru m'għandux jopera ħlief jekk:

(i) l-inġenju ta' l-ajru hu f'kundizzjoni tajba għat-titjir;

(ii) it-tagħmir operazzjonali u ta' emerġenza neċessarju għat-titjira ppjanata hu fi stat tajjeb biex jintuża;

(iii) id-dokument ta' l-*airworthiness* ta' l-inġenju ta' l-ajru huwa validu; u

(iv) il-manutenzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru ssir skond il-programm tal-manutenzjoni tiegħu.

6.b. Qabel kull titjira, l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi spezzjonat, permezz ta' kontroll ta' qabel it-titjira, sabiex ikun magħruf jekk hux tajjeb għat-titjira ppjanata.

6.c. Il-programm tal-manutenzjoni għandu jinkludi b'mod partikulari, ix-xogħlijiet u l-intervalli ta' manutenzjoni, speċjalment dawk li jkunu speċifikati bħala mandatorji fl-istruzzjonijiet għal kontinwità ta' l-*airworthiness*.

6.d. L-inġenju ta' l-ajru m'għandux ikun operat ħlief jekk tkun saritlu l-manutenzjoni u jkun ġie rilaxxat għas-servizz minn persuni jew organizzazzjonijiet kwalifikati għal dan ix-xogħol. Ir-rilaxx għas-servizz iffirmat irid ikun fih b'mod partikulari, id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni magħmula.

6.e. Ir-rekords kollha li juru l-*airworthiness* ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom jinżammu sakemm l-informazzjoni li jkun fihom tiġi sostitwita b'informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u d-dettall imma għal mhux inqas minn sena fil-każ ta' rekords ta' manutenzjoni dettaljati. Meta inġenju ta' l-ajru jiġi rtirat mis-servizz b'mod permanenti, japplika perjodu minimu ta' 90 ġurnata. Meta l-inġenju ta' l-ajru jinkera, ir-rekords kollha li juru l-*airworthiness* ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jinżammu għallinqas għal tul il-kirja.

6.f. Il-modifikazzjonijiet u t-tiswijiet kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali ta' l-*airworthiness*. Id-data li ssostni l-konformità mar-rekwiżiti ta' l-*airworthiness* għandha tinżamm.

7. Membri ta' l-ekwipaġġ

7.a. In-numru u l-kompożizzjoni ta' l-ekwipaġġ għandha tiġi ddeterminata f'konsiderazzjoni ta':

(i) il-limitazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, inkluż jekk applikabbli, it-turija relevanti ta' evakwazzjoni f'emerġenza;

(ii) il-konfigurazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru; u

(iii) it-tip u t-tul ta' l-operazzjonijiet.

7.b. Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina għandhom:

(i) ikunu mħarrġa u kkontrollati fuq bażi regolari biex jilħqu u jżommu livell adegwat ta' kompetenza biex jaqdu d-dmirijiet ta' sikurezza assenjati lilhom; u

(ii) issirilhom valutazzjoni perjodika ta' l-istat mediku tagħhom li turi jekk ikunux tajbin biżżejjed biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' sikurezza. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq l-aħjar prattika aeromedika.

7.c. Il-bdot fil-kmand għandu jkollu l-awtorità li jagħti l-ordnijiet kollha u li jieħu kull azzjoni xierqa biex jassigura l-operazzjoni u s-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u tal-persuni u/jew proprjetà li jkun qed iġorr.

7.d. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, li tipperikola l-operazzjoni jew is-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u/jew il-persuni abbord, il-bdot fil-kmand għandu jieħu kwalunkwe azzjoni li huwa/hija jikkunsidra neċessarja fl-interess tas-sikurezza. Meta azzjoni bħal din tinvolvi ksur ta' regolamenti jew proċeduri lokali, il-bdot fil-kmand għandu jkollu r-responsabbiltà li jinnotifika lill-awtoritajiet lokali relevanti mingħajr dewmien.

7.e. M'għandhiex issir simulazzjoni ta' sitwazzjonijiet anormali ta' emerġenza waqt li jkunu qed jinġarru passiġġieri jew merkanzija.

7.f. L-ebda membru ta' l-ekwipaġġ m'għandu jħalli l-fakultà li jagħmel xogħlu/jieħu d-deċiżjonijiet tiddeterjora sa stat li fih is-sikurezza tat-titjira tiġi pperikolata minħabba l-effetti ta' l-għajja, akkumulazzjoni ta' għajja, nuqqas ta' rqad, numru ta' setturi ta' titjir, ħinijiet ta' bil-lejl, eċċ. Il-perjodi ta' mistrieħ għandhom ikunu twal biżżejjed biex jippermettu lill-membri ta' l-ekwipaġġ jirkupraw mill-effetti tad-dmirijiet preċedenti u jkunu mistrieħa sal-bidu tal-perjodu li jkun imiss ta' xogħol ta' titjir.

7.g. Membru ta' l-ekwipaġġ m'għandux jesegwixxi d-dmirijiet allokati lilu abbord inġenji ta' l-ajru meta jkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi jew l-alkoħol jew meta ma jkunx f'sikktu minħabba korriment, għajja, medikazzjoni, mard jew raġunijiet oħra simili.

8. Rekwiżiti addizzjonali għall-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi.

8.a. L-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u l-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi m'għandhomx isiru jekk ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

8.a.1. l-operatur għandu jkollu direttament, jew indirettament permezz ta' kuntratti, l-mezzi neċessarji skond id-daqs u l-ambitu ta' l-operazzjonijiet. Dawn il-mezzi jinkludu imma m'humiex limitati għal dawn li ġejjin: inġenji ta' l-ajru, faċilitajiet, staff, tagħmir, dokumentazzjoni ta' xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-*data* relevanti u żamma ta' rekords.

8.a.2. l-operatur għandu jutilizza biss staff kwalifikat u mħarreġ sew u jwettaq u jżomm programmi ta' taħriġ u kontrolli għall-membri ta' l-ekwipaġġ u staff ieħor relevanti.

8.a.3. l-operatur għandu jistabbilixxi Lista ta' Tagħmir Minimu (MEL) jew dokument ekwivalenti, b'kunsiderazzjoni ta' dan li ġej:

(i) id-dokument għandu jipprovdi għall-fini ta' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, taħt kundizzjonijiet speċifikati, bi strumenti partikulari, lista ta' oġġetti ta' tagħmir jew funzjonijiet mhux operattivi fil-bidu tat-titjira;

(ii) id-dokument irid jiġi ppreparat għal kull inġenju ta' l-ajru individwali, f'konsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' operazzjoni u manutenzjoni relevanti ta' l-operatur; u

(iii) l-MEL għandha tkun ibbażata fuq il-Lista *Master* ta' Tagħmir Minimu (MMEL), jekk tkun disponibbli, u ma tridx tkun anqas restrittiva mill-MMEL;

8.a.4. l-operatur għandu jwettaq u jżomm sistema maniġerjali biex jiżgura l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali għall-operazzjonijiet u jimmira għal titjib kontinwu ta' din is-sistema; u

8.a.5. l-operatur għandu jistabbilixxi u jżomm programm ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sikurezza, inkluż programm għall-irrappurtar ta' l-okkorrenzi, li għandu jintuża mis-

sistema maniġerjali sabiex tikkontribwixxi lejn l-għan ta' titjib kontinwu fis-sikurezza ta' l-operazzjonijiet.

8.b. L-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u l-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi għandha ssir biss skond Manwal ta' l-Operazzjonijiet ta' operatur. Tali manwal għandu jinkludi l-istruzzjonijiet, l-informazzjoni u l-proċeduri kollha neċessarji għall-inġenji ta' l-ajru kollha mħaddma u għall-istaff ta' l-operazzjonijiet biex iwettqu dmirijiethom. Għandhom ikunu speċifikati t-tul ta' ħin tat-titjira, il-perjodi ta' xogħol waqt it-titjiriet u l-perjodi ta' mistrieħ għall-membri ta' l-ekwipaġġ. Il-Manwal ta' l-Operazzjonijiet u r-reviżjonijiet tiegħu għandhom ikunu konformi ma' Manwal tat-Titjir approvat u jiġu emendati skond il-ħtieġa.

8.c. L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri, kif inhu xieraq, biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' imġiba diżordinata ta' passiġġieri fuq is-sikurezza ta' l-operazzjonijiet ta' titjir.

8.d. L-operatur għandu jiżviluppa u jżomm programmi tas-sikurezza adattati għall-inġenji ta' l-ajru u t-tip ta' operazzjoni li jkunu jinkludu partikularment:

(i) is-sikurezza tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;

(ii) lista ta' kontroll ta' proċedura ta' tfittxija fuq l-inġenji ta' l-ajru;

(iii) programmi ta' taħriġ;

(iv) il-protezzjoni tas-sistemi elettroniċi u tal-kompjuter biex ikun prevenzjoni ta' interferenza u korruzzjoni intenzjonata fis-sistemi; u

(v) rappurtar ta' atti illegali ta' interferenza.

Meta l-miżuri ta' sikurezza jistgħu jolqtu ħażin is-sikurezza ta' operazzjonijiet, ir-riskji jridu jiġu vvalutati u jridu jiġu żviluppati proċeduri xierqa biex inaqqsu r-riskji ta' sikurezza,dan jista' jirrikjedi l-użu ta' tagħmir speċjalizzat.

8.e. L-operatur għandu jaħtar bdot wieħed minn fost l-ekwipaġġ ta' l-ajru bħala l-bdot fil-kmand.

8.f. Il-prevenzjoni ta' l-għajja għandha tiġi amministrata permezz ta' sistema ta' roster. Għal titjira jew serje ta' titjiriet, din is-sistema ta' roster trid tindirizza l-ħinijiet tat-titjir, il-ħinijiet ta' xogħol waqt it-titjir, xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ adattati. Il-limitazzjonijiet stabbiliti fis-sistema tar-roster trid tikkunsidra l-fatturi kollha relevanti li jikkontribwixxu għall-għajja bħal m'huma, b'mod partikolari, numru ta' setturi tat-titjir, ittraversar ta' żoni ta' ħin, nuqqas ta' rqad, sfrattu taċ-ċikli bijoloġiċi ta' kull jum, sigħat bil-lejl, stazzjonar, akkumulazzjoni ta' ħinijiet ta' xogħol għal perjodi speċifiċi, kondiviżjoni ta' xogħlijiet allokati fost membri ta' l-ekwipaġġ, u wkoll il-provvediment ta' ekwipaġġi miżjuda.

8.g. Ix-xogħlijiet speċifikati fil-punt 6.a u dawk deskritti fil-punti 6.d. u 6.e. għandhom ikunu kkontrollati minn organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità ta' l-*airworthiness* li għandha tissodisfa, flimkien ma' dawk ir-rekwiżiti ta' l-Anness I fil-punt 3.a il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-organizzazzjoni għandha tkun kwalifikata għall-manutenzjoni tal-prodotti, il-parts u l-attrezzaturi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha jew tkun ikkonkludiet kuntratt ma' organizzazzjoni hekk kwalifikata għal dawn il-prodotti, parts u attrezzaturi; u

(ii) l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi manwal ta' l-organizzazzjoni li jipprovdi, għall-użu u l-gwida ta' l-istaff ikkonċernat, deskrizzjoni ta' kull proċedura ta' kontinwità ta' l-*airworthiness* ta' l-organizzazzjoni, inkluż meta japplika, deskrizzjoni ta' l-arranġamenti amministrattivi bejn l-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata.

# L-ANNESS V

Kriterji għall-entitajiet kwalifikati msemmija fl-Artikolu 9a

1. L-entità, id-Direttur u l-istaff tagħha responsabbli għall-esekuzzjoni tal-kontrolli, ma jistgħux jinvolvu ruħhom, la direttament u lanqas bħala rappreżentanti awtorizzati, fid-disinn, il-manifattura, il-promozzjoni ta' bejgħ jew il-manutenzjoni tal-prodotti, il-parts, l-attrezzaturi, kostitwenti jew sistemi jew fl-operazzjonijiet, il-provvediment ta' servizz jew l-użu tagħhom. Dan ma jeskludix il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn l-organizzazzjonijiet involuti u l-entità kwalifikata.

2. L-entità u l-istaff responsabbli għax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni għandhom jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom bl-akbar integrità professjonali possibbli u l-akbar kompetenza teknika possibbli u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċentiv, b'mod partikolari ta' natura finanzjarja, li jistgħu jaffettwaw il-ġudizzju tagħhom u r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet, b'mod partikolari minn persuni jew gruppi affettwati mir-riżultati tax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni.

3. L-entità għandha timpjega staff u jkollha l-mezzi meħtieġa biex tesegwixxi adegwatament ix-xogħlijiet tekniċi u amministrattivi marbuta mal-proċess ta' ċertifikazzjoni; għandu jkollha wkoll aċċess għat-tagħmir meħtieġ għal kontrolli eċċezzjonali.

4. L-istaff responsabbli għall-investigazzjoni għandu jkollu:

   – taħriġ tekniku u vokazzjonali sod;

   – għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni li jwettaq u esperjenza adegwata ta' tali proċessi;

   – l-abbiltà meħtieġa biex jipprepara dikjarazzjonijiet, rekords u rapporti li juru li l-investigazzjonijiet ikunu ġew esegwiti.

5. L-imparzjalità ta' l-istaff investigattiv trid tiġi ggarantita. Ir-remunerazzjoni tagħhom ma tridx tkun tiddependi fuq in-numru ta' investigazzjonijiet magħmula jew fuq ir-riżultati ta' tali investigazzjonijiet.

6. L-entità għandha toħroġ polza ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ħlief fejn ir-responsabbiltà tagħha tkun meħuda minn Stat Membru wieħed skond il-liġi nazzjonali tiegħu.

7. L-istaff ta' l-entità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward ta' l-informazzjoni kollha li kisbet waqt l-esekuzzjoni ta' xogħolhom skond dan ir-Regolament."

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta ta' Regolament flok ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 biex jinfirxu r-regoli komuni għall-operat ta' l-ajru, għal-liċenzji tal-piloti ta' l-inġenji ta' l-ajru u għas-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi.

### 2. QAFAS ABM / ABB (ĠESTJONI/STABBILIMENT TAL-BAĠIT SKOND L-ATTIVITAJIET)

0602 – Trasport intern, ta' l-ajru u marittimu.

### 3. LINJI TAL-BAĠIT

#### 3.1. Linji tal-Baġit (linji operattivi u linji relatati ta' assistenza teknika u amministrattiva (ex-linji B.A.)), inklużi l-intestaturi:

06 02 01 (Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru)

#### 3.2. It-tul ta' l-azzjoni u kemm idum l-impatt finanzjarju:

Bla limitu ta' żmien (kontribuzzjoni annwali)

#### 3.3. Karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun hemm bżonn):

| Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | | Ġdid/a | Kontribuzzjoni EFTA | Kontribuzzjoni mill-pajjiżi applikanti | Intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 060201 | ENC | AD[25] | LE | IVA[26] | LE | **Nru** 3 |

[25] Approprjazzjonijiet differenzjati.

[26] Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi Ewropej imsieħba ma' l-Aġenzija; l-Iżvizzera, in-Norveġja u l-Iżlanda.

# 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

## 4.1. Riżorsi finanzjarji

### *4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u għall-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet (AĦ)*

Miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| Tip ta' Nefqa | Sezzjon i nru | | Sena n | n +1 | n + 2 | n +3 | n +4 | n+5 u eż. wara. | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nefqa operattiva**[27] | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) | 8.1 | a | 2.365 | 2.412 | 2.461 | 2.510 | 2.560 | 2.611 | 14.919 |
| Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ) | | b | 2.365 | 2.412 | 2.461 | 2.510 | 2.560 | 2.611 | 14.919 |
| **Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza**[28] | | | | | | | | | |
| Assistenza teknika u amministrattiva – ATA (NMD) | 8.2.4 | c | 0.484 | 0.494 | 0.504 | 0.514 | 0.524 | 0.534 | 3.053 |
| **AMMONT TOTALI TA' REFERENZA**[29] | | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet għall-impenji** | | **a+c** | **2.849** | **2.906** | **2.964** | **3.023** | **3.084** | **3.146** | **17.972** |
| **Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet** | | **b+c** | **2.849** | **2.906** | **2.964** | **3.023** | **3.084** | **3.146** | **17.972** |
| **Nefqa amministrattivi li m'hix inkluża fi ħdan l-ammont ta' referenza**[30] | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NMD)[31] | 8.2.5 | d | 0.108 | 0.110 | 0.112 | 0.114 | 0.116 | 0.119 | 0.679 |

---

27 Nefqa li ma tidħolx taħt Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx kkonċernat.

28 Nefqa fi ħdan l-artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

29 Fuq il-bażi ta' spejjeż medji għall-2005 ta' l-istaff ta' l-EASA, l-infiq kollu inklużi (salarji u aċċessorji, missjonijiet, tgħamir u alloġġ), jiġifieri 112 260 EUR kull aġent, b'indiċi ta' 2% kull sena u mnaqqas mill-kontribut tal-pajjiżi terzi Ewropej imsieħba ma' l-EASA (ara t-tabella f'paġna 3).

30 Nefqa li tidħol taħt il-Kapitolu xx 01, ħlief Artikoli xx 01 04 u xx 01 05.

31 Ara t-tabella 8.2.5.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nefqa amministrattiva għajr riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NMD)[32] | 8.2.6 | e | 0.052 | 0.053 | 0.054 | 0.055 | 0.056 | 0.057 | 0.327 |

**Total indikattiv tan-nefqa ta' l-azzjoni**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL AI inkluż l-ispiża għar-riżorsi umani** | | a+c +d+ e | 3.009 | 3.069 | 3.130 | 3.192 | 3.256 | 3.322 | 18.978 |
| **TOTAL AĦ inkluż l-ispiża għar-riżorsi umani** | | b+c +d+ e | 3.009 | 3.069 | 3.130 | 3.192 | 3.256 | 3.322 | 18.978 |

**Dettalji ta'l-ko-finanzjament**

Jekk il-proposta tipprevedi ko-finanzjament mill-Istati Membri jew entitajiet oħra (jekk jogħġbok ippreċiża liema), jaqbel li tingħata stima tal-livell ta' ko-finanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji ġodda, jekk huwa previst li ħafna entitajiet jipparteċipaw għall-ko-finanzjament):

Miljuni ta'EUR (sa 3 punti deċimali)

| Organiżmu ta' ko-finanzjament | | Sena n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n+5 u seg. | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pajjiżi terzi Ewropej[33] | f | 0.146 | 0.149 | 0.152 | 0.155 | 0.158 | 0.161 | 0.922 |
| TOTAL AI bil-ko-finanzjament | a+c+d +e+f | 3.155 | 3.218 | 3.282 | 3.347 | 3.414 | 3.483 | 19.899 |

*4.1.2. Kompatibbiltà mal-programmazzjoni finanzjarja*

☐X Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

☐ Din il-proposta teħtieġ programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettivi finanzjarji.

☐ Din il-proposta tista' tkun teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[34] (relativi għall-istrument dwar il-flessibbiltà jew għar-reviżjoni tal-perspettivi finanzjarji).

---

32 Ara t-tabella 8.2.6.

33 Parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi Ewropej imsieħba ma' l-EASA fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002. Din il-parteċipazzjoni hija evalwata b'7% tal-baġit ta' l-Aġenzija, minbarra r-riżorsi minn spejjeż ta' ġbir.

34 Ara punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

*4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

☐X Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt fuq id-dħul – L-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

miljuni ta' EUR (sa l-ewwel punt deċimali)

| Linja tal-Baġit | Dħul | Qabel l-azzjoni [Sena n-1] | Sitwazzjoni wara l-azzjoni [Sena n] | [n+1] | [n+2] | [n+3] | [n+4] | [n+5] [35] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *a) Dħul f'termini assoluti* | | | | | | | |
| | *b) Bidla fid-dħul* | Δ | | | | | | |

***(Iddeskrivi kull Linja tal-Baġit tad-dħul ikkonċernat, u żid in-numru xieraq ta' linji fit-tabella jekk l-effett huwa fuq bosta Linji tal-Baġit.)***

**4.2. Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, staff temporanju u estern/ barrani) – ara d-dettall fil-punt 8.2.1.**

Din it-tabella turi b'mod dettaljat il-ħtiġijiet ta' l-EASA (20 aġent temporanju) u tal-Kummissjoni (uffiċjal 1) ġġenerati mit-twettiq ta' l-azzjoni proposta:

| **Ħtiġijiet annwali** | Sena n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n+5 u segw. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Total ta' l-effettivi ta' riżorsi umani | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 |

**5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET**

Fil-Memorandum ta' spjegazzjoni jrid ikun hemm dettalji tal-kuntest tal-proposta. Din is-sezzjoni ta' l-Istqarrija Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi l-elementi ta' informazzjoni kumplimentari li ġejja:

**5.1. Ħtieġa li trid tiġi sodisfatta malajr jew għat-tul**

Fi ħdan is-suq intern tat-trasport ta' l-ajru, jaqbel li jittejjeb il-livell globali ta' sikurezza u biex timxi l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' konkorrenza bejn l-operaturi.

35 Iridu jiżdiedu aktar kolonni, jekk l-azzjoni ddum iktar minn 6 snin.

## 5.2. Valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju, u kompatibbiltà tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

It-twaqqif ta' regoli Komunitarji, obbligatorji u applikati b'mod uniformi, jwassal għall-armonizzazzjoni mixtieqa.

## 5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-ġestjoni skond l-attivitajiet (ABM)

Jaqbel li r-Regolamentazzjoni relativa ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru tkun armonizzata, għall-liċenzji tal-piloti u għas-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi. It-titjib tas-sikurezza tat-trasport ta' l-ajru jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, sew jekk jivjaġġaw bl-ajruplan jew ikunu fuq l-art. L-operaturi jibbenefikaw mill-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-konkorrenza. Fl-aħħarnett, ir-rikonoxximent awtomatiku tal-liċenzji ta' l-istaff li jinnaviga jippermetti ċ-ċaqliq ta' dan l-istaff, li jaffettwahom b'mod pożittiv, daqs kemm jaffettwa lil min jimpjegahom.

## 5.4. Metodi ta' twettiq (indikattivi)

Indika hawn taħt il-metodu/i[36] ta' twettiq magħżul/a.

☐X Tmexxija ċċentralizzata

☐x direttament mill-Kummissjoni

☐ indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji Eżekuttivi,

☐X Entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju,

☐ Entitajiet pubbliċi nazzjonali/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku.

☐ Tmexxija mqassma jew deċentralizzata

☐ ma' Stati Membri

☐ ma' pajjiżi terzi

☐Tmexxija konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Kummenti rilevanti:

[36] Jekk jiġu indikati bosta metodi, jekk jogħġbok agħti preċiżazzjonijiet fil-parti "Kummenti rilevanti" ta' dan il-punt.

Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Ajru jipparteċipaw, b'mod konġunt, fit-twettiq tal-miżuri mressqa mir-Regolament preżenti.

# 6. KONTROLL U EVALWAZZJONI

## 6.1. Sistema ta' kontroll

Kull sena, ix-xogħol ta' l-EASA jiġi kkontrollat u evalwat permezz ta' rapport ġenerali annwali, għas-sena li tkun għaddiet, u ta' programm ta' ħidma għas-sena ta' wara. Dawn iż-żewġ dokumenti huma adottati mill-kunsill amministrattiv ta' l-Aġenzija u mgħoddija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Istati Membri.

## 6.2. Evalwazzjoni

### *6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, il-Kummissjoni talbet il-parir ta' l-EASA dwar l-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dan it-test lill-operaturi ta' l-ajru, lill-għoti ta' liċenzji għall-ekwipaġġi li jippilotaw u lis-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi. L-Aġenzija, f'konformità mar-regoli interni tagħha u mal-prattiki internazzjonali fis-suġġett, ikkonsultat fil-fond il-partijiet interessati kollha u tat kas tal-kummenti li saru, qabel ma tat il-parir tagħha. Għalhekk ippubblikat fuq is-sit Internet tagħha (www.easa.eu.int), fis-27 ta' April 2004, dokument ta' konsultazzjoni dwar "l-applikabilità, il-prinċipji bażiċi u l-esiġenzi essenzjali relativi mal-kompetenzi tal-piloti, għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u għar-regolamentazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi użati minn operaturi mhux Komunitarji" (NPA Nru 2/2004). Bejn it-30 ta' April u l-31 ta' Lulju 2004, dan id-dokument qajjem 1 695 kummenti li saru minn 93 persuna, awtoritajiet nazzjonali, intrapriżi jew organizzazzjonijiet. B'maġġoranza qawwija, il-partijiet ikkonsultati ddikjaraw ruħhom favorevoli għat-twaqqif ta' regoli komuni relativi għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, għal-liċenzji ta' l-ekwipaġġi li jippilotaw u għas-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi. Fuq bażi ta' dawn il-kummenti, l-EASA żviluppat l-analiżi tagħha li għaddiet lill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2004 (Parir Nru 3/2004).

Is-servizzi tal-Kummissjoni studjaw l-impatt li toħloq estensjoni tar-regoli komuni għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, għal-liċenzji tal-piloti u għas-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi, biex tkun ivverifikata r-rilevanza u biex jiġu eżaminati il-modalitajiet. Dan l-istudju kkonferma l-opinjonijiet kemm tal-leġiżlatur kif ukoll tal-partijiet interessati u ta' l-EASA, favur estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 f'dawn l-oqsma.

*6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (lezzjonijiet li ħarġu minn esperjenzi simili preċedenti)*

*6.2.3. Kundizzjonijiet u frekwenza ta' evalwazzjonijiet futuri*

Kull ħames snin, evalwazzjoni esterna indipendenti teżamina f'liema miżura l-EASA twettaq il-missjonijiet tagħha u tistudja l-impatt tar-regoli komuni u x-xogħol ta' l-Aġenzija fil-livell ġenerali ta' sikurezza ta' l-ajru.

## 7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-Direttur Eżekuttiv jeżegwixxi l-baġit ta' l-Aġenzija. Kull sena, huwa jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-kunsill amministrattiv ta' l-Aġenzija il-kontijiet dettaljati, bid-dħul u l-infiq, tas-sena ta' qabel. Barra minn hekk, l-awditur intern tal-Kummissjoni għandu fil-konfront ta' l-EASA l-istess kompetenzi bħal dawk li jingħataw lilu fil-konfront tas-servizzi tal-Kummissjoni, u l-Aġenzija għandha sistema ta' verifika interna simili għal dik tal-Kummissjoni.

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 relativ għall-inkjesti li saru mill-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi (OLAF), hekk kif il-ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 relativ għall-inkjesti interni li saru mill-OLAF jimponu ruħhom mingħajr restrizzjoni għall-EASA.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Għanijiet tal-proposta f’termini ta’ nfiq

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

| **(Għandhom jitniżżlu l-intestaturi ta’ l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati / outputs)** | **Tip ta’ riżultat / output** | **Nefqa medja** | **Sena n** | | **Sena n+1** | | **Sena n+2** | | **Sena n+3** | | **Sena n+4** | | **Sena n+5 u segw.** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nru ta’ riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali | Nru riżultati/ outputs | Nefqa totali |
| GĦAN OPERATTIV nru 1[37]… | Żvilupp tar-regoli komuni relativi ma’ l-operazzjonijiet ta’ l-ajru, mal-liċenzji tal-piloti u mas-sikurezza ta’ l-inġenji ta’ l-ajru ta’ pajjiżi terzi | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Azzjoni 1…………** | Regolamentazzjoni | | | 1.168 | | 1.191 | | 1.215 | | 1.240 | | 1.264 | | 1.290 | | 7.368 |
| **Azzjoni 2…………** | Standardizzazzjoni | | | 1.197 | | 1.221 | | 1.245 | | 1.270 | | 1.295 | | 1.321 | | 7.548 |
| **Azzjoni 3…………** | Assistenza teknika | | | 0.484 | | 0.494 | | 0.504 | | 0.514 | | 0.524 | | 0.534 | | 3.053 |
| Sub-total Għan 1 | | | | 2.849 | | 2.906 | | 2.964 | | 3.023 | | 3.084 | | 3.146 | | 17.972 |
| **NEFQA TOTALI** | | | | 2.849 | | 2.906 | | 2.964 | | 3.023 | | 3.084 | | 3.146 | | 17.972 |

[37] Kif deskritt f’Sezzjoni 5.3.

## 8.2. Nefqa amministrattiva

Dan l-infiq huwa kopert mill-approprjazzjonijiet għall-impenji allokati kull sena lis-servizz tal-ġestjoni tal-Kummissjoni.

### *8.2.1. Effettivi u tipi ta' riżorsi umani*

| Tipi ta' impjieg | | Effettivi li għandhom jingħataw l-inkarigu li jmexxi l-azzjoni biex jintużaw ir-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' postijiet/FTE**) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 |
| Uffiċjal[38] (XX 01 01) (post ġdid) | A*/ AD | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | B*, C*/ AST | | | | | | |
| Staff iffinanzjat[39] mill-Art. XX 01 02 | | | | | | | |
| Effettivi oħrajn iffinanzjati[40] minn Art. par art. XX 01 04/05 | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

### *8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li joħorġu mill-azzjoni*

Preparazzjoni tar-regoli tekniċi u tar-Regolamentazzjoni, u twettiq ta' din ir-Regolamentazzjoni, inkluż l-assistenza teknika u amministrattiva u spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni.

### *8.2.3. Oriġini tar-riżorsi umani (statutarji)*

(Fejn jissemma aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' postijiet li joriġinaw minn kull sors).

☐ Postijiet li bħalissa huma allokati għat-tmexxija tal-programm li għandhom jinbidlu jew jittawlu

☐ Postijiet pre-allokati fi ħdan l-eżerċizzju APS/APB għas-sena n

☐X Postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/APB li jmiss

---

38 Li n-nefqa għalih M'HIX koperta mill-ammont ta' referenza.
39 Li n-nefqa għalih M'HIX koperta mill-ammont ta' referenza.
40 Li n-nefqa għalih hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

☐ Postijiet li għandhom jitqassmu mill-ġdid billi jintużaw ir-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ikkonċernat (trasferimenti interni)

☐ Postijiet meħtieġa għas-sena n imma mhux previsti fl-eżerċizzju APS/APB tas-sena kkonċernata

*8.2.4. Nfiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nfiq fuq tmexxija amministrattiva)*

Miljuni ta' EUR (sat- 3 punt deċimali)

| Linji tal-Baġit<br><br>(nru u intestatur) | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5<br><br>u segw. | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Assistenza teknika u amministrattiva (inkluż spejjeż relatati ma' staff)** | 0.484 | 0.494 | 0.504 | 0.514 | 0.524 | 0.534 | 3.053 |
| Aġenziji eżekuttivi[41] | | | | | | | |
| Assistenza oħra teknika u amministrattiva | | | | | | | |
| - *intra muros* | | | | | | | |
| - *extra muros* | | | | | | | |
| **Assistenza totali teknika u amministrattiva** | | | | | | | |

[41] Jaqbel li jissemma d-dokument finanzjarju leġiżlattiv li jirreferi direttament għall-aġenzija/għall-aġenziji eżekuttiva/i kkonċernati.

*8.2.5. Nefqa finanzjarja tar-riżorsi umani u nfiq assoċjat li mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

miljuni ta' EUR (sat-3 punt deċimali)

| Tip ta' riżorsi umani | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 u segw. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji (XX 01 01) | 0.108 | 0.110 | 0.112 | 0.114 | 0.116 | 0.119 |
| Staff iffinanzjat skond l-Artik. XX 01 02 (awżiljarji, END, staff bil-kuntratt, eċċ.) (indika l-linja baġitarja) | | | | | | |
| **Spiża totali fuq Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inkluż fit-total ta' referenza)** | | | | | | |

Kalkolu – ***Uffiċjali u aġenti temporanji***

*Irreferi għall-punt 8.2.1 jekk ikun il-każ*

Uffiċjal bir-rata ta' 108 000 EUR (2005) b'indiċi ta' 2% fis-sena

Kalkolu – ***Staff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02***

*Irreferi għall-punt 8.2.1*

### 8.2.6. *Nfiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza*

miljuni ta' EUR (sat-3 punt deċimali)

| | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 u segw | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 11 01 – Missjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi | | | | | | | |
| XX 01 02 11 03 – Kumitati[42] | 0.052 | 0.053 | 0.054 | 0.055 | 0.056 | 0.057 | 0.327 |
| XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni | | | | | | | |
| **2. Total ta' spejjeż oħra ta' tmexxija (XX 01 02 11)** | | | | | | | |
| **3. Nfiq ieħor ta' natura amministrattiva** (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-Baġit) | | | | | | | |
| **Nefqa amministrattiva totali minnbarra r-riżorsi umani u nfiq assoċjat (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)** | | | | | | | |

Kalkolu – ***Nfiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza***

Laqgħa tal-kumitat "komitoloġiku" imwaqqaf skond l-Artikolu 54 tar-Regolament 1592/2002, fuq il-bażi ta' 2 laqgħat kull sena b'40 espert, bir-rata ta' 650 EUR kull laqgħa u kull espert (2005) b'indiċi ta' 2% kull sena.

[42] Ippreċiża t-tip ta' kumitat u ma' liema grupp jappartjeni.